Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fil-25 ta' Lulju 2018 [1]

**Kawżi magħquda C-293/17 u C-294/17**

**Coöperatie Mobilisation for the Environment UA *et***
**vs**
**College van gedeputeerde staten van Limburg *et***

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 92/43/KEE – Konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-fawna u l-flora selvaġġa – Żona ta' protezzjoni speċjali – Evalwazzjoni xierqa tal-effetti ta' proġett fuq sit – Kunċetti ta' proġett u ta' evalwazzjoni xierqa tal-implikazzjonijiet – Programm għall-evalwazzjoni tad-depożiti ta' nitroġenu – Agrikoltura – Awtorizzazzjoni operattiva – Fertilizzazzjoni – Ragħa – Effetti kumulattivi – Limiti tal-irrilevanza – Miżuri għat-tnaqqis tad-danni – Miżuri kumpensatorji"

Werrej


I. Introduzzjoni ... 3
II. Il-kuntest ġuridiku ... 4
A. Id-dritt tal-Unjoni ... 4
1. Id-Direttiva habitats ... 4
2. Id-Direttiva SEA ... 4
B. Id-dritt Olandiż ... 5
III. Il-fatti preċedenti u t-talba għal deċiżjoni preliminari ... 5
A. Fuq il-miżuri Olandiżi għat-tnaqqis tad-depożiti ta' nitroġenu ... 5
B. Il-Kawża C-293/17 ... 7
C. Il-Kawża C-294/17 ... 9


1 Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

D. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ..... 11

IV. L-analiżi ġuridika ..... 11

A. Fuq it-tieni domanda fil-Kawża C-294/17 – Awtorizzazzjoni ta' proġetti skont il-PAS ..... 12

1. Evalwazzjoni individwali jew evalwazzjoni globali programmatika? ..... 12

2. Fuq ir-rekwiżiti ta' evalwazzjoni globali programmatika intiża għall-koordinazzjoni tad-depożiti ta' nitroġenu ..... 13

a) Fuq l-elementi rilevanti għall-evalwazzjoni ..... 14

b) Fuq il-kwantità ta' depożiti ta' nitroġenu ammissibbli b'mod totali ..... 14

3. Konklużjoni intermedja ..... 16

B. Fuq il-ħames domanda sal-punt (a) tas-seba' domanda fil-Kawża C-293/17 u t-tielet domanda sal-punt (a) tal-ħames domanda fil-Kawża C-294/17 – Kunsiderazzjoni ta' miżuri li ma humiex relatati ma' proġett ..... 16

1. Fuq il-bażijiet legali ..... 17

2. Fuq il-"miżuri fis-sors" imsemmija fit-talbiet għal deċiżjoni preliminari ..... 18

3. Fuq il-miżuri fis-siti protetti ..... 19

4. Fuq l-iżviluppi futuri ..... 20

5. Konklużjoni intermedja ..... 21

C. Fuq l-ewwel domanda fil-Kawża C-294/17 – Limiti u valuri limitu għal depożiti ta' nitroġenu ..... 21

D. Fuq l-ewwel domanda sal-punt (a) tar-raba' domanda u t-tmien domanda fil-Kawża C-293/17 – Obbligu ta' evalwazzjoni għar-ragħa u l-fertilizzazzjoni ..... 23

1. Fuq il-klassifikazzjoni bħala proġett ..... 23

a) Fuq il-kunċett ta' proġett ..... 23

b) Fuq il-fertilizzazzjoni ..... 24

c) Fuq ir-ragħa ..... 25

d) Konklużjoni intermedja ..... 25

2. Fuq l-integrazzjoni fi proġett globali ..... 25

a) Fuq il-kunċett ta' proġett uniku ..... 26

b) Fuq il-bidliet tal-prassi ta' fertilizzazzjoni ..... 27

c) Konklużjoni intermedja ..... 27

3. Fuq l-eżenzjoni mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni ..... 27

4. Fuq l-implimentazzjoni tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva habitats ..... 29

E. Analiżi konklużiva .... 30

V. Konklużjoni .... 31

## I. Introduzzjoni

1. L-agrikoltura mhux biss hija ħtieġa assoluta għal ħafna tipi ta' habitats u speċi protetti[2], iżda fl-istess waqt hija waħda mill-kawżi l-iktar importanti tad-dannu għal dawn il-beni protetti. Dawn iż-żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari jagħtu l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tindirizza din is-sitwazzjoni abbażi tal-eżempju ta' depożiti ta' nitroġenu f'siti protetti skont id-Direttiva habitats[3], l-hekk imsejħin siti Natura 2000, fil-Pajjiżi l-Baxxi. Din il-kawża mistennija jkollha sinjifikat simili għal dak tal-kawża magħrufa dwar is-sajd għall-frott tal-baħar fil-Baħar Wadden[4], li wkoll kienet tikkonċerna rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja mir-Raad van State Olandiż (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi).

2. Skont informazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, fl-2010 73 % tas-siti Natura 2000 kollha tal-Unjoni Ewropea kienu milqutin minn depożiti eċċessivi ta' nitroġenu[5]. Għaldaqstant, l-eżitu ta' din il-kawża jista' jkun ukoll sinjifikattiv għal Stati Membri oħra. Barra minn hekk, tqum il-kwistjoni dwar it-trasferibbiltà ta' dan l-eżitu għal effetti avversi oħra tal-agrikoltura, pereżempju dawk li jirriżultaw minħabba l-użu ta' pestiċidi.

3. Speċifikament, il-kwistjoni hija li f'ċerti siti protetti tal-Pajjiżi l-Baxxi d-depożiti ta' nitroġenu ta' wħud mill-azjendi agrikoli ma jiġux ittestjati b'mod individwali, iżda jiġu inklużi fi pjan globali programmatiku li, abbażi ta' evalwazzjoni ta' kull sit protett individwali, jistabbilixxi l-estent li fih huma ammissibbli d-depożiti ta' nitroġenu. Mhux biss għandu jiġi ċċarat jekk tali pjan globali huwiex ammissibbli, iżda wkoll kemm huwa kompatibbli mal-protezzjoni tas-siti li jittieħdu inkunsiderazzjoni miżuri għat-tnaqqis tad-depożiti ta' nitroġenu minn sorsi oħra, miżuri għar-ripristinar tas-siti protetti kif ukoll l-iżviluppi futuri. Barra minn hekk għandu jiġi eżaminat kif il-fertilizzazzjoni ta' artijiet agrikoli u r-ragħa għandhom jiġu kklassifikati fis-sistema tal-evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet.

4. Mill-bidu nett nixtieq nagħmilha ċara li l-approċċ ta' pjan globali programmatiku għandu jiġi milqugħ iżda li għad fadal lok għal titjib fl-eżekuzzjoni prattika.

2 Ara Halada, L., Evans, D., Romão, C., Petersen, J.E., "Which habitats of European importance depend on agricultural practices?", *Biodiversity and Conservation* 20 (2011), 2365 sa 2378.

3 Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-*habitat* naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU 2013, L 158, p. 193).

4 Sentenza tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:482).

5 Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, "Effects of air pollution on European ecosystems", EEA Technical report No 11/2014, Anness 4 (p. 38).

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

*1. Id-Direttiva habitats*

5. Il-protezzjoni tas-siti hija rregolata fl-Artikolu 6(1) sa (4) tad-Direttiva habitats kif ġej:

"1. Għal żoni speċjali ta' konservazzjoni, l-Istati Membri għandhom jistabilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa li jinkludu, jekk hemm bżonn, pjanijiet ta' tmexxija xierqa disinjati speċifikament għas-siti jew imdaħħla fil-pjanijiet ta' żvilupp l-oħra, u miżuri xierqa statutorji, amminstrattivi jew kuntrattwali li jaqblu mal-ħtiġiet ekoloġiċi tat-tipi ta' *habitat* naturali fl-Anness I u l-ispeċi fl-Anness II li hemm fis-siti.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jevitaw, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, id-deterjorament ta' l-*habitat* naturali u l-*habitat* ta' l-ispeċi kif ukoll t-tfixkil ta' l-ispeċi li għalihom ġew nominati ż-żoni, safejn dak it-tfixkil jista' jkun sinifikanti meta jitqies skond l-għanjiet ta' din id-Direttiva.

3. Kull pjan jew proġett li mhux marbut direttament ma' jew li ma hux meħtieġ għat-tmexxija tas-sit iżda li x'aktarx se jkollu effett sinifikanti fuqu, jew b'mod individwali jew inkella flimkien ma' xi pjanijiet jew proġetti oħra, għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni xierqa ta' l-implikazzjonijiet tiegħu għas-sit in vista ta' l-għanjiet ta' konservazzjoni tas-sit. Fl-isfond tar-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-implikazzjonijiet għas-sit u skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jaqblu dwar il-pjan jew il-proġett biss wara li jkunu żguraw li dan ma jaffettwax ħażin l-integrità tas-sit konċernat u, jekk xieraq, wara li jkunu raw l-opinjoni tal-pubbliku ġenerali.

4. Jekk, minkejja li jkun hemm evalwazzjoni negattiva ta' l-implikazzjonijiet għas-sit u fin-nuqqas ta' soluzzjonijiet oħra, pjan jew proġett irid isir xorta waħda għal raġunijiet obbligatorji oħra li huma konnessi ma' l-interess pubbliku, inklużi dawk ta' tip soċjali jew ekonomiku, l-Istat Membru irid jieħu l-miżuri kollha kumpensatorji meħtieġa biex jiżgura li tkun protetta l-koerenza globali ta' Natura 2000. Hu jrid jgħarraf lill-Kummissjoni dwar il-miżuri kumpensatorji adottati.

Meta s-sit konċernat jospita tip ta' habitat naturali ta' priorità u/jew speċi ta' priorità, l-uniċi kunsiderazzjonijiet li jistgħu jitqajmu huma dawk marbuta ma' saħħet il-bniedem jew is-sigurtà pubblika, dawk li għandhom konsegwenzi ta' benefiċċju u ta' importanza ewlenija għall-ambjent jew, wara opinjoni mill-Kummissjoni, ma raġunijiet obbligatorji oħra ta' interess pubbliku li jieħu l-preċedenza."

*2. Id-Direttiva SEA*

6. Barra minn hekk għandu jsir riferiment għall-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva SEA[6], li jiddefinixxi proġett bħala "l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' stallazzjonijiet jew skemi oħra" (l-ewwel inċiż) kif ukoll "interventi oħra fil-madwar u fil-pajsaġġ naturali inklużi dawk li jinvolvu l-estrazzjoni ta' riżorsi naturali" (it-tieni inċiż).

6 Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU 2012, L 26, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 174, p. 44), emendata permezz tad-Direttiva 2014/52/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 (ĠU 2014, L 124, p. 1).

### *B. Id-dritt Olandiż*

7. Fost id-dispożizzjonijiet tad-dritt Olandiż għandu jiġi nnotat l-Artikolu 2.4 tal-Wet natuurbescherming (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tan-Natura, iktar 'il quddiem il-"WnB"):

"1. Fejn il-ġestjoni ta' sit Natura 2000 titlob dan fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni, il-Gvern Provinċjali jimponi fuq kull persuna li, fil-Provinċja tiegħu, twettaq jew ikollha l-intenzjoni li twettaq attività l-obbligu:

a. li tipprovdi l-informazzjoni kollha fir-rigward ta' din l-attività;

b. li tieħu l-miżuri ta' prevenzjoni jew ta' ripristinar kollha meħtieġa;

c. li twettaq l-attività f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan ir-rigward, jew

d. li ma teżerċitax jew ittemm dik l-attività.

2. Fejn il-protezzjoni ta' sit Natura 2000 tirrendi neċessarja l-eżekuzzjoni immedjata ta' deċiżjoni fis-sens tal-paragrafu 1, il-Gvern Provinċjali jista' jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu oralment lill-persuna li twettaq jew ikollha l-intenzjoni li twettaq l-attività inkwistjoni. Il-Gvern Provinċjali għandu jiddokumenta d-deċiżjoni bil-miktub mill-iktar fis possibbli u jibgħatha jew jgħaddiha lill-partijiet interessati.

3. […]

4. Huwa pprojbit li wieħed jaġixxi bi ksur ta' obbligu fis-sens tal-paragrafi 1 jew 3."

## III. Il-fatti preċedenti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

8. F'118 mill-162 sit Natura 2000 fil-Pajjiżi l-Baxxi hemm depożiti eċċessivi ta' nitroġenu f'tipi ta' habitats u f'habitats tal-ispeċi protetti li huma sensittivi għan-nitroġenu. L-agrikoltura hija l-iktar sors importanti ta' dan in-nitroġenu.

9. Dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw żewġ gruppi ta' problemi differenti li huma relatati mal-miżuri Olandiżi għal-limitazzjoni tad-depożiti ta' nitroġenu f'dawn is-siti. L-ewwel nett tqum il-kwistjoni dwar jekk il-fertilizzazzjoni u r-ragħa jridux jiġu ristretti minn azjendi agrikoli eżistenti[7], u t-tieni nett għandu jiġi ċċarat jekk jistgħux jiġu awtorizzati azjendi ġodda[8].

### *A. Fuq il-miżuri Olandiżi għat-tnaqqis tad-depożiti ta' nitroġenu*

10. L-eċċess ta' nitroġenu f'siti protetti jaffettwa partikolarment tipi ta' habitats li l-veġetazzjoni tagħhom hija speċjalizzata fin-nuqqas ta' nitroġenu. Il-protezzjoni ta' dawn ir-riżorsi naturali, għalhekk, hija sfida speċjali u fl-istess waqt tista' tostakola żviluppi ekonomiċi li jikkawżaw depożiti ta' nitroġenu.

11. Għaldaqstant, fil-ġlieda tiegħu kontra n-nitroġenu, il-Pajjiżi l-Baxxi adottaw approċċ programmatiku, il-Programma Aanpak Stikstof 2015-2021 (l-Approċċ Programmatiku għan-Nitroġenu 2015-2021, iktar 'il quddiem il-"PAS").

7 Kawża C-293/17, Coöperatie Mobilisation for the Environment UA u Vereniging Leefmilieu.

8 Kawża C-294/17, Stichting Werkgroep Behoud de Peel.

12. Il-PAS isegwi żewġ għanijiet: fl-ewwel lok, għandhom jiġu kkonservati u rripristinati s-siti Natura 2000 li ġew inklużi fil-PAS, sabiex jintlaħaq stat ta' konservazzjoni favorevoli fuq livell nazzjonali, u, fit-tieni lok, għandhom ikunu permessi żviluppi ekonomiċi li jikkawżaw depożiti ta' nitroġenu f'dawn is-siti.

13. Sabiex id-depożiti ta' nitroġenu jitnaqqsu b'mod kontinwu, fil-PAS ġew adottati miżuri addizzjonali li jaġixxu fis-sors. B'mod ġenerali, dawn huma miżuri li għandhom inaqqsu l-emissjonijiet minn sorsi tan-nitroġenu. Huma kkonċernati miżuri diretti sabiex inaqqsu l-emissjonijiet minn stalel, miżuri għal fertilizzazzjoni b'emissjonijiet baxxi, miżuri relatati mal-għalf u miżuri tal-ġestjoni. Minn kalkolu tal-effetti ta' dawn il-miżuri rriżulta li, b'paragun ma' sitwazzjoni fejn il-PAS ma jiġix implimentat, permezz tal-PAS l-emissjonijiet tal-ammonijaka [9] ser jonqsu b'madwar 13.4 kt/sena sal-2020. Madankollu, 6.4 kt/sena biss minn dawn huma kkunsidrati fil-PAS, għall-finijiet ta' marġni ta' sikurezza [10].

14. Minbarra dawn il-miżuri li jaġixxu fis-sors, il-PAS jipprevedi wkoll miżuri ta' ripristinar speċifiċi għas-sit. L-iskop tal-miżuri ta' ripristinar huwa li jissaħħu l-habitats sensittivi għan-nitroġenu. Dawn huma miżuri idroloġiċi u miżuri addizzjonali relatati mal-veġetazzjoni, b'mod supplimentari għall-ġestjoni normali tas-siti Natura 2000.

15. Fl-aħħar nett, il-PAS jirregola kemm jista' jiġi ddepożitat nitroġenu matul perijodu ta' sitt snin. Dan huwa l-hekk imsejjaħ marġni tad-depożiti, li ġie stabbilit għal kull wieħed mis-siti Natura 2000. It-tnaqqis ikkalkolat tad-depożiti ta' nitroġenu parzjalment jiġi applikat għall-estensjoni tal-marġni tad-depożiti.

16. Il-PAS jinkludi sistema ta' monitoraġġ u adattament. Permezz tal-monitoraġġ għandha tinħoloq perspettiva fir-rigward tal-iżvilupp tad-depożiti ta' nitroġenu, il-marġni tad-depożiti disponibbli u sfruttat, il-progress fl-implimentazzjoni tal-PAS kif ukoll l-iżvilupp ta' habitats li huma sensittivi għan-nitroġenu. Fuq din il-bażi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom is-setgħa li jimmodifikaw, jissostitwixxu jew iżidu miżuri li jaġixxu fis-sors u/jew miżuri ta' ripristinar fil-PAS, jew inaqqsu l-marġni tad-depożiti għal sit.

17. Wieħed mill-għanijiet importanti tal-PAS huwa li tiġi ssemplifikata l-awtorizzazzjoni uffiċjali ta' attivitajiet li jikkawżaw in-nitroġenu. Sa minn meta daħal fis-seħħ il-programm, il-PAS u l-leġiżlazzjoni assoċjata jistgħu jintużaw fl-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-attivitajiet li jikkawżaw depożiti ta' nitroġenu. Dawn jipprovdu qafas għall-evalwazzjoni ta' attivitajiet li jikkawżaw in-nitroġenu (proġetti u inizjattivi oħra). Dan il-qafas għall-evalwazzjoni jipprovdi dan li ġej:

a) proġetti u inizjattivi oħra li jikkawżaw depożiti ta' nitroġenu li ma jaqbżux limitu massimu ta' 0.05 mol [11] N/ha/sena, huma permessi mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel;

b) proġetti u inizjattivi oħra li jikkawżaw depożiti ta' nitroġenu li ma jaqbżux valur limitu ta' bejn 0.05 mol u 1 mol N/ha/sena huma permessi mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel; madankollu, f'ċerti każijiet japplika obbligu ta' notifika;

c) proġetti u inizjattivi oħra li jikkawżaw depożiti ta' nitroġenu li jaqbżu l-valur limitu jinħtieġu approvazzjoni. Din l-approvazzjoni tista' tingħata b'riferiment għall-evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet skont il-PAS meta dawn il-proġetti u inizjattivi ma jwasslux għal żieda fid-depożiti ta' nitroġenu. Jekk id-depożiti ta' nitroġenu jiżdiedu, l-approvazzjoni tista' tingħata b'riferiment għall-PAS jekk jiġi allokat marġni tad-depożiti għaż-żieda fid-depożiti ta' nitroġenu.

9 L-ammonijaka hija kompost kimiku kkostitwit min-nitroġenu u l-idroġenu bil-formula molekulari NH3 Din hija ġġenerata inter alia waqt id-dekompożizzjoni ta pjanti mejta u eskrementi tal-annimali (https //de wikipedia org/wiki/Ammoniak aċċessat fis-6 ta Frar 2018)

10 Punt 6.2 tat-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-294/17.

11 Skont il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, 1 mol ta' nitroġenu jikkorrispondi għal 14 g; għaldaqstant 0.05 mol jikkorrispondi għal 0.7 g.

Fl-ewwel terminu tal-PAS (tliet snin) din l-allokazzjoni ma tistax taqbeż is-60 %. Rilevanti huwa l-paragun mad-depożiti li għalihom ingħatat awtorizzazzjoni qabel u mal-*istatus quo* fil-perijodu 2012-2014.

### *B. Il-Kawża C-293/17*

18. L-erba' azjendi agrikoli milquta mit-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-293/17, Coöperatie Mobilisation for the Environment u Vereniging Leefmilieu, huma fil-pussess ta' permessi għas-snin 1989 sa 2015, fejn għal kull stalla huma indikati n-numru u t-tip ta' bhejjem kif ukoll it-tip tal-istalla flimkien mal-fattur tal-emissjoni assoċjat. Mill-permessi mogħtija joħroġ biċ-ċar li fir-rigward tal-azjendi kollha ġew evalwati biss l-effetti tal-emissjonijiet mill-istalel fuq riżorsi naturali li huma sensittivi għan-nitroġenu li jinsabu f'siti Natura 2000.

19. Min-naħa l-oħra, il-leġiżlazzjoni tal-provinċji ta' Gelderland u Limburg jeżentaw ir-ragħa tal-bhejjem u l-fertilizzazzjoni mill-obbligu li jinkiseb permess.

20. It-talba għal deċiżjoni preliminari hija bbażata fuq l-oġġezzjoni ta' għaqdiet ambjentali kontra din l-eżenzjoni mill-obbligu ta' permess. Dawn talbu, mingħajr suċċess, li jittieħdu miżuri ta' infurzar kontra r-ragħa tal-bhejjem u l-fertilizzazzjoni ta' artijiet agrikoli minn erba' azjendi tat-tnissil tal-bhejjem li jeżistu fil-viċinanzi ta' siti Natura 2000 fil-provinċji ta' Gelderland u Limburg. L-amministrazzjonijiet provinċjali ta' Gelderland u Limburg irrifjutaw l-oġġezzjonijiet imressqa mill-għaqdiet ambjentali kontra ċ-ċaħda ta' dawn l-applikazzjonijiet. L-għaqdiet issa ppreżentaw rikors kontra dawn id-deċiżjonijiet.

21. Ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat), għalhekk, qiegħed jagħmel dawn id-domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-Kawża C-293/17, Vereniging Leefmilieu *et*:

1) Attività li ma taqax taħt il-kunċett ta' proġett fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, minħabba li ma hijiex intervent fiżiku fl-ambjent naturali tista' tkun proġett fis-sens tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, minħabba li din l-attività tista' jkollha konsegwenzi sinjifikattivi għal żona Natura 2000?

2) Jekk jiġi aċċettat li l-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq jew fil-ħamrija huwa proġett, għandu għalhekk, meta din l-applikazzjoni sseħħ b'mod legali qabel ma l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, isir applikabbli għal żona Natura 2000 u li huwa dejjem ipprattikat attwalment, jiġi kkunsidrat li dan huwa l-istess proġett wieħed, anki jekk din l-applikazzjoni mhux dejjem isseħħ fuq l-istess biċċiet ta' art, fl-istess kwantitajiet u skont l-istess tekniki?

   Huwa rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk dan huwiex l-istess proġett wieħed li d-depożiti ta' nitroġenu kkawżati bl-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq jew fil-ħamrija ma żdiedux wara li l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, sar applikabbli għaż-żona Natura 2000?

3) L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, jipprekludi leġiżlazzjoni legali li għandha bħala għan li teżenta mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni attività li hija indissolubbilment marbuta ma' proġett u li għalhekk għandha wkoll titqies bħala proġett, bħal, pereżempu, ir-ragħħa ta' bhejjem fit-trobbija ta' baqar tal-ħalib, eżenzjoni li permezz tagħha ebda awtorizzazzjoni individwali ma hija meħtieġa għall-eżerċizzju ta' din l-attività, peress li l-konsegwenzi tal-attività legali mingħajr awtorizzazzjoni ġew meqjusa xierqa matul l-adozzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni legali?

3a) L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, jipprekludi leġiżlazzjoni legali intiża sabiex teżenta mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni kategorija partikolari ta' proġetti, bħal, pereżempju, l-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq jew fil-ħamrija, eżenzjoni li permezz tagħha din l-attività hija leċita mingħajr awtorizzazzjoni individwali, peress li l-konsegwenzi tal-proġetti permessi mingħajr awtorizzazzjoni ġew meqjusa xierqa waqt l-adozzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni legali?

4) L-evalwazzjoni xierqa li fuqha hija bbażata l-eżenzjoni tal-obbligu ta' awtorizzazzjoni prevista favur ir-ragħa tal-bhejjem u tal-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq jew fil-ħamrija, evalwazzjoni li fiha l-awturi bbażaw ruħhom fuq il-kobor u fuq l-intensità, effettivi u antiċipati, ta' dawn l-attivitajiet u kkonkludew li bħala medja, żieda tad-depożiti ta' nitroġenu kkawżata minn dawn l-attivitajiet setgħet tiġi eskluża, hija konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa?

4a) Huwa rilevanti f'dan ir-rigward li l-eżenzjoni tal-obbligu ta' awtorizzazzjoni tkun marbuta mal-Programma Aanpak Stikstof 2015-2021 (il-PAS), li huwa bbażat fuq il-premessa ta' tnaqqis tal-kwantità totali ta' depożiti ta' nitroġenu li jinstabu f'siti naturali sensittivi għan-nitroġenu li jinsabu f'żoni Natura 2000 u li l-iżvilupp tad-depożiti ta' nitroġenu fiż-żoni Natura 2000 jkun, fil-kuntest ta' dan il-programm, suġġett għal monitoraġġ annwali u li skont il-bżonn, jittieħdu miżuri ta' aġġustament meta jidher li t-tnaqqis huwa inqas minn dak li kien ġie stabbilit fl-evalwazzjoni xierqa mwettqa għall-finijiet ta' dan il-programm?

5) L-effetti pożittivi li miżuri ta' konservazzjoni u miżuri xierqa li ġew adottati għal żoni eżistenti ta' tipi ta' habitat u ta' bijotopi fl-eżekuzzjoni ta' obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 6(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni xierqa fis-sens tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, li twettqet għall-finijiet ta' programm bħall-Programma Aanpak Stikstof 2015-2021?

5a) F'każ ta' risposta affermattiva għad-domanda 5: l-effetti pożittivi ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' miżuri xierqa jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni f'evalwazzjoni xierqa mwettqa għall-finijiet ta' programm meta fil-mument tat-twettiq tal-evalwazzjoni xierqa, dawn il-miżuri ma kinux għadhom ġew implementati u li l-effetti pożittivi tagħhom ma kinux għadhom seħħew?

Huwa rilevanti f'dan ir-rigward, jekk kellu jitqies li l-evalwazzjoni xierqa tinkludi konstatazzjonijiet definittivi li jikkonċernaw l-effetti ta' dawn il-miżuri, konstatazzjonijiet ibbażati fuq l-għerf xjentifiku l-iktar avvanzat, li l-eżekuzzjoni u r-riżultat ta' dawn il-miżuri huma suġġetti għal monitoraġġi regolari u li, meta minn monitoraġġ jirriżulta li l-effetti huma inqas favorevoli mill-ipoteżi li fuqha kienet ibbażata l-evalwazzjoni xierqa, miżuri ta' aġġustament ser jittieħdu skont il-bżonn?

6) L-effetti pożittivi tat-tnaqqis awtonomu tad-depożiti ta' nitroġenu li ser jimmanifesta ruħu matul il-perijodu ta' validità tal-Programma Aanpak Stikstof 2015-2021 jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni xierqa fis-sens tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa?

Huwa rilevanti f'dan ir-rigward, jekk kellu jitqies li l-evalwazzjoni xierqa tinkludi konstatazzjonijiet definittivi li jikkonċernaw l-effetti ta' dawn il-miżuri, konstatazzjonijiet ibbażati fuq l-għerf xjentifiku l-iktar avvanzat, li t-tnaqqis awtonomu tad-depożiti ta' nitroġenu kien is-suġġett ta'

monitoraġġi regolari u li, meta minn monitoraġġ jirriżulta li l-effetti huma inqas favorevoli mill-ipoteżi li fuqha kienet ibbażata l-evalwazzjoni xierqa, miżuri ta' aġġustament ser jittieħdu skont il-bżonn?

7) Miżuri ta' ripristinar li ġew adottati fil-kuntest tal-Programma Aanpak Stikstof 2015-2021 u li għandhom bħala għan li jipprekludu li fattur li jniġġes partikolari, bħal depożitu ta' nitroġenu, jista' jkollu konsegwenzi dannużi għal żoni eżistenti ta' tipi ta' habitats u ta' bijotopi jistgħu jiġu kklassifikati bħala miżuri ta' protezzjoni fis-sens tal-punt 28 tas-sentenza li l-Qorti tal-Ġustizzja tat fil-15 ta' Mejju 2014 fil-kawża Briels, EU:C:2014:330, li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni f'evalwazzjoni xierqa fis-sens tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa?

7a) F'każ ta' risposta affermattiva għad-domanda 7: l-effetti pożittivi ta' miżuri ta' protezzjoni li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni xierqa jistgħu jittieħdu inkunisderazzjoni fiha meta fil-mument li din titwettaq, dawn il-miżuri ma kinux għadhom ġew eżegwiti u ma kinux għadhom ipproduċew l-effetti pożittivi tagħhom?

Huwa rilevanti f'dan ir-rigward, jekk kellu jitqies li l-evalwazzjoni xierqa tinkludi konstatazzjonijiet definittivi li jikkonċernaw l-effetti ta' dawn il-miżuri, konstatazzjonijiet ibbażati fuq l-għerf xjentifiku l-iktar avvanzat, li l-eżekuzzjoni u r-riżultat ta' dawn il-miżuri jkunu suġġetti għal monitoraġġi regolari u li, meta minn monitoraġġ jirriżulta li l-effetti huma inqas favorevoli mill-ipoteżi li fuqha kienet ibbażata l-evalwazzjoni xierqa, miżuri ta' aġġustament ser jittieħdu skont il-bżonn?

8) Is-setgħa li timponi obbligi li l-Artikolu 2.4 tal-Wet natuurbescherming jagħti lill-awtorità kompetenti u li hija għandha tagħmel użu minnha meta l-għanijiet ta' konservazzjoni ta' żona Natura 2000 jeħtieġu dan hija strument preventiv suffiċjenti ta' implementazzjoni tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, f'dak li jikkonċerna r-ragħa ta' bhejjem u l-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq jew fil-ħamrija?

### *C. Il-Kawża C-294/17*

22. Il-Kawża C-294/17 tikkonċerna r-rikorsi ppreżentati mill-assoċjazzjoni għall-ħarsien ambjentali Stichting Werkgroep Behoud de Peel kontra sitt permessi għal azjendi agrikoli diversi fil-provinċja ta' Noord-Brabant, li jikkawżaw depożiti ta' nitroġenu, *inter alia*, fis-siti Natura 2000 Groote Peel (NL 3009012) kif ukoll Deurnsche Peel & Mariapeel (NL 1000026). L-għanijiet ta' konservazzjoni taż-żewġ siti jinkludu, *inter alia*, bog għoljin. Dan it-tip ta' habitat naturali jirreaġixxi b'mod sensittiv għan-nitroġenu.

23. Il-permessi jirrigwardaw l-istabbiliment jew l-estensjoni ta' azjendi fis-setturi tal-ħalib, it-trobbija ta' ħnieżer u t-trobbija ta' tjur.

24. Il-College van gedeputeerde staten van Noord-Brabant (il-Gvern Provinċjali ta' Noord-Brabant, il-Pajjiżi l-Baxxi) ta dawn il-permessi bl-applikazzjoni tal-PAS u tad-dispożizzjonijiet assoċjati. Il-PAS huwa bbażat fuq evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats, mentri l-permessi individwali ma ġewx evalwati b'mod individwali.

25. Il-College awtorizza estensjoni ta' azjenda għaliex id-depożiti ta' nitroġenu tal-azjenda inkwistjoni ma żdidux b'paragun mad-depożiti effettivament ikkawżati preċedentement. Id-depożiti ta' attivitajiet eżistenti ġew ikkunsidrati bħala adegwati għall-finijiet tal-PAS bħala parti mid-depożiti fl-isfond. Din l-awtorizzazzjoni ngħatat b'riferiment għall-evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet mwettqa għall-PAS.

26. Fil-bqija tal-każijiet, il-College awtorizza attivitajiet operazzjonali li jwasslu għal żieda fid-depożiti ta' nitroġenu b'paragun mad-depożiti kkawżati attwalment jew awtorizzati qabel l-adozzjoni tal-PAS. Fiż-żewġ siti protetti hemm azjendi li jikkawżaw depożiti fil-medda ta' 0.05 sa 1 mol N/ha/sena, filwaqt li oħrajn jaqbżu dawn il-valuri. Il-College alloka marġni tad-depożiti għal dawn tal-aħħar.

27. Fil-Kawża C-294/17, Stichting Werkgroep Behoud de Peel, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) issa qiegħed jagħmel id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

1) L-Artikolu 6(2) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, (iktar 'il quddiem id-"direttiva dwar il-habitat"), jipprekludi dispożizzjoni legali li hija intiża li teżenta mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni, proġetti u inizjattivi oħra li jiġġeneraw depożiti ta' nitroġenu li ma jeċċedux limitu kwantitattiv jew valur massimu u b'hekk huma awtorizzati mingħajr il-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni individwali, suġġett għall-premessa li l-effett tal-proġetti kollha u ta' inizjattivi oħra meqjusa flimkien li jistgħu jibbenefikaw mis-sistema legali ikun ġie evalwat b'mod xieraq għall-finijet tal-adozzjoni tal-imsemmija sistema legali?

2) L-Artikolu 6(2) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tipprekludi li evalwazzjoni xierqa ta' programm li fih tiġi evalwata kwantità iddeterminata totali ta' depożiti ta' nitroġenu tintuża bħala bażi għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni (awtorizzazzjoni individwali) għal proġett jew inizjattiva oħra li jiġġeneraw depożiti ta' nitroġenu konformi mal-marġni ta' depożitu evalwat fil-kuntest tal-programm?

3) F'evalwazzjoni xierqa fis-sens tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE imwettqa għall-programm bħall-PAS 2015-2021, jista' jittieħed inkunsiderazzjoni l-effett pożittiv ta' miżuri ta' konservazzjoni u tal-miżuri xierqa għal żoni eżistenti tat-tipi ta' habitats naturali u ta' habitats ta' speċi, li jiġu adottati skont obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 6(1) u (2) ta' tali direttiva?

3a) F'każ li t-tielet domanda tingħata risposta pożittiva, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti pożittivi ta' miżuri ta' konservazzjoni u tal-miżuri xierqa miżuri f'evalwazzjoni xierqa għal programm dment li, fil-mument tal-evalwazzjoni xierqa, dawn ikunu għadhom ma ġewx attwati u l-effetti pożittivi tagħhom jkunu għadhom ma ġewx prodotti?

Jekk jiġi preżunt li l-evalwazzjoni xierqa tkun tinkludi konklużjonijiet definittivi dwar l-effett ta' dawn il-miżuri bbażati fuq il-konoxxenzi xjentifiċi iktar avvanzati f'dan il-qasam, ikun rilevanti li l-attwazzjoni u r-riżultat ta' tali miżuri jiġu ssorveljati u, jekk jirriżulta li l-effett ikun inqas favorevoli minn dak previst fl-evalwazzjoni xierqa, titwettaq korrezzjoni, jekk din tkun neċessarja?

4) L-effetti pożittivi tat-tnaqqis awtonomu tad-depożiti tan-nitroġenu li jimmanifesta ruħu fil-perijodu li matulu jkun fis-seħħ il-Programm Aanpak Stikstof 2015-2021 jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni xierqa prevista fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE?

Jekk jiġi preżunt li l-evalwazzjoni xierqa tkun tinkludi konklużjonijiet definittivi dwar dawn l-iżviluppi bbażati fuq il-konoxxenzi xejntifiċi iktar avvanzati f'dan il-qasam, ikun rilevanti li t-tnaqqis awtonomu tad-depożiti tan-nitroġenu jiġi ssorveljat u, jekk jirriżulta li l-effett ikun inqas favorevoli minn dak previst fl-evalwazzjoni xierqa, titwettaq korrezzjoni, jekk din tkun neċessarja?

5) Il-miżuri ta' riparazzjoni, adottatati fil-kuntest tal-PAS 2015-2021, maħsuba sabiex jipprevjenu li fattur iddeterminat li jniġġeż, bħad-depożitu tan-nitroġenu, jaffettwa b'mod negattiv iż-żoni eżistenti tat-tipi ta' habitats naturali u ta' habitats ta' speċi, jistgħu jiġu kklassifikati bħala miżuri ta' protezzjoni fis-sens tal-punt 28 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Mejju 2014, Briels, ECLI:EU:C:2014:330, li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni f'evalwazzjoni xierqa fis-sens tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE?

5a) F'każ li l-ħames domanda tingħata risposta pożittiva: l-effetti pożittivi tal-miżuri ta' protezzjoni, li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni xierqa, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni jekk fil-mument tal-evalwazzjoni xierqa tali miżuri ikunu għadhom ma ġewx attwati u l-effetti pożittivi tagħhom jkunu għadhom ma ġewx prodotti?

Jekk jiġi preżunt li l-evalwazzjoni xierqa tkun tinkludi konklużjonijiet definittivi dwar l-effetti ta' dawn il-miżuri bbażati fuq il-konoxxenzi xejntifiċi iktar avvanzati f'dan il-qasam, ikun rilevanti li l-attwazzjoni u r-riżultat ta' tali miżuri jiġu ssorveljati u, jekk jirriżulta li l-effett ikun inqas favorevoli minn dak previst fl-evalwazzjoni xierqa, titwettaq korrezzjoni, jekk din tkun neċessarja?

### *D. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja*

28. B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Ġunju 2017, il-Kawżi C-293/17 u C-294/17 ġew magħquda għall-proċedura bil-miktub, il-proċedura orali u s-sentenza.

29. Coöperatie Mobilisation for the Environment u Vereniging Leefmilieu flimkien bħala l-partijiet fil-Kawża C-293/17 u Stichting Werkgroep Behoud de Peel bħala parti fil-Kawża C-294/17, kif ukoll ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Renju tad-Danimarka u l-Kummissjoni Ewropea, ressqu osservazzjonijiet bil-miktub. Barra minn hekk, fil-proċedura orali tat-3 ta' Mejju 2018 ipparteċipaw ukoll il-College van gedeputeerde staten van Limburg, il-College van gedeputeerde staten van Gelderland u l-College van gedeputeerde staten van Noord-Brabant bħala partijiet fil-kawża prinċipali.

## IV. L-analiżi ġuridika

30. Iż-żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari jqajmu sensiela ta' domandi fir-rigward tal-immaniġġar ta' emissjonijiet tan-nitroġenu li jirriżultaw minn attivitajiet agrikoli u li jista' jkollhom effetti negattivi fuq siti Natura 2000. Nemmen li huwa opportun li ma tingħatax risposta għalihom fl-ordni li tirriżulta mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari u min-numri tal-kawżi.

31. Pjuttost, fl-ewwel lok għandu jiġi diskuss il-"każ standard", jiġifieri l-awtorizzazzjoni ta' azjenda agrikola li d-depożiti ta' nitroġenu tagħha f'siti protetti ma jiġux eżaminati individwalment, iżda jiġu evalwati f'konformità mal-miżura ta' ppjanar tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-PAS. Jekk dan l-approċċ huwiex bħala prinċipju kompatibbli mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats huwa s-suġġett tat-tieni domanda fil-Kawża C-294/17 (ara taħt A).

32. Imbagħad għandu jiġi diskuss kemm, fl-ambitu tal-PAS, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tnaqqis mistenni tal-emissjonijiet tan-nitroġenu, miżuri speċifiċi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tan-nitroġenu minn sorsi oħra kif ukoll miżuri ta' ripristinar ta' siti protetti, partikolarment jekk ma jseħħux qabel il-futur (ara taħt B). Huwa biss sussegwentement li ser nindaga jekk il-valuri limitu u massimi previsti għad-depożiti ta' nitroġenu humiex kompatibbli mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats (ara taħt C).

33. Id-domandi speċifiċi tal-Kawża C-239/17 dwar ir-ragħa u l-fertilizzazzjoni huma s-suġġett tas-sezzjoni sussegwenti (ara taħt D).

34. Finalment, ser nispjega, f'analiżi finali, sa fejn l-Artikolu 6 tad-Direttiva habitats, fid-dawl tal-bqija tal-kunsiderazzjonijiet, jippermetti miżura bħall-PAS (ara taħt E).

### *A. Fuq it-tieni domanda fil-Kawża C-294/17 – Awtorizzazzjoni ta' proġetti skont il-PAS*

35. Bit-tieni domanda fil-Kawża C-294/17, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jixtieq isir jaf jekk huwiex kompatibbli mal-Artikolu 6(2) u (3) tad-Direttiva habitats li miżura, li twassal għal depożiti ta' nitroġenu f'sit protett, ma tiġix eżaminata b'mod individwali fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha mal-għanijiet ta' konservazzjoni tas-sit, iżda li l-awtorizzazzjoni tkun ibbażata fuq l-evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet għal programm li jistabbilixxi li kwantità totali partikolari ta' depożiti ta' nitroġenu addizzjonali fis-sit hija kompatibbli mal-għanijiet ta' konservazzjoni.

36. Fis-segwenti l-ewwel ser nuri li l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats mhux bilfors jeżiġi evalwazzjoni individwali ta' pjanijiet u proġetti, u mbagħad ser nindirizza r-rekwiżiti li għandhom jiġu stabbiliti fir-rigward ta' evalwazzjoni globali programmatika.

#### *1. Evalwazzjoni individwali jew evalwazzjoni globali programmatika?*

37. L-Artikolu 6 tad-Direttiva habitats jimponi fuq l-Istati Membri sensiela ta' obbligi u ta' proċeduri speċifiċi maħsuba sabiex jiġu żgurati, kif jirriżulta mill-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva, iż-żamma jew, jekk ikun il-każ, l-istabbiliment mill-ġdid, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, tal-habitats naturali u tal-ispeċi ta' fawna u ta' flora selvaġġi ta' interess għall-Unjoni Ewropea[12].

38. Għal dan il-għan, l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats jipprevedi proċedura ta' evalwazzjoni maħsuba sabiex jiġi żgurat, permezz ta' kontroll *ex ante*, li pjanijiet jew proġetti li ma jkunux marbuta direttament ma' jew meħtieġa għall-ġestjoni tas-sit ikkonċernat, iżda li jistgħu jaffettwaw lil dan tal-aħħar b'mod sinjifikattiv, ikunu awtorizzati biss sakemm (effettivament) ma jippreġudikawx l-integrità ta' dan is-sit[13].

39. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats, għandha ssir evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' tali pjanijiet u proġetti mal-għanijiet ta' konservazzjoni stabbiliti għas-sit jekk ma jkunx jista' jiġi eskluż, fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, li dawn, individwalment jew flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra, jistgħu jaffettwaw ħażin b'mod sinjifikattiv is-sit[14]. Fid-dawl tal-aħjar għarfien xjentifiku fil-qasam, għandhom jiġu identifikati l-aspetti kollha tal-pjan jew tal-proġett inkwistjoni li jistgħu jaffettwaw l-għanijiet ta' konservazzjoni ta' dan is-sit[15]. L-evalwazzjoni għandha ssir, b'mod partikolari, fid-dawl tal-karatteristiċi u tal-kundizzjonijiet ambjentali speċifiċi tas-sit ikkonċernat minn dan il-pjan jew proġett[16].

40. Għaldaqstant, il-prinċipju ta' gwida tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats huwa l-evalwazzjoni individwali ta' pjanijiet u proġetti.

12 Sentenzi tal-21 ta' Lulju 2016, Orleans *et* (C-387/15 u C-388/15, EU:C:2016:583, punt 31), u tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Foresta ta' Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punt 106).

13 Sentenzi tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:482, punt 34), u tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Foresta ta' Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punt 108).

14 Sentenzi tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:482, punt 45), tat-13 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-418/04, EU:C:2007:780, punt 238), tas-26 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-538/09, EU:C:2011:349, punt 53), u tat-12 ta' April 2018, People Over Wind u Sweetman (C-323/17, EU:C:2018:244, punt 34).

15 Sentenzi tal-21 ta' Lulju 2016, Orleans *et* (C-387/15 u C-388/15, EU:C:2016:583, punt 51), tas-26 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Moorburg) (C-142/16, EU:C:2017:301, punt 57), u tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Foresta ta' Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punt 113).

16 Sentenzi tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:482, punt 49), u tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Foresta Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punt 112).

41. Is-suġġett tal-kawżi prinċipali huwa d-deterjorazzjoni possibbli ta' siti protetti minħabba depożiti ta' nitroġenu. B'mod ġenerali japplika, fir-rigward ta' dawn, li jokkorru inkwinanti minn ħafna sorsi differenti [17]. Għaldaqstant, għall-evalwazzjoni prevista fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats bħala prinċipju għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sorsi differenti kollha tan-nitroġenu li jikkontribwixxu għad-depożiti ta' nitroġenu f'sit protett partikolari. Fil-fatt, l-evalwazzjoni trid tidentifika l-aspetti kollha tal-pjan jew tal-proġett inkwistjoni li jistgħu, fihom innifishom jew *flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra*, jeffettwaw l-għanijiet ta' konservazzjoni ta' tali sit [18].

42. Mingħajr analiżi globali bħal dik effettwata fil-PAS, din l-evalwazzjoni ta' effetti kumulattivi tkun suxxettibbli ħafna għal żbalji. Dejjem ikun jeżisti r-riskju li ċerti sorsi ma jittiħdux inkunsiderazzjoni jew jikkontradixxu l-evalwazzjoni ta' proġetti oħra. Dan ir-riskju jkun partikolarment għoli f'każ ta' evalwazzjonijiet separati li jsiru b'mod paralleli.

43. Għaldaqstant, evalwazzjoni globali tad-depożiti kollha ta' nitroġenu fis-sit protett inkwistjoni mhux biss hija adattata, iżda hija saħansitra neċessarja sabiex tiġi evalwata l-kompatibbiltà ta' ċerti sorsi tan-nitroġenu fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni tas-sit.

44. B'hekk, bħala prinċipju hija milqugħa l-koordinazzjoni tal-evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet ta' depożiti ta' nitroġenu potenzjali f'siti protetti permezz ta' strument tal-ippjanar ċentrali, li jistabbilixxi l-kwantità ta' nitroġenu li tista' tiġi ddepożitata fis-siti protetti individwali.

### *2. Fuq ir-rekwiżiti ta' evalwazzjoni globali programmatika intiża għall-koordinazzjoni tad-depożiti ta' nitroġenu*

45. Madankollu, il-fatt li strument ta' koordinazzjoni komprensiv għandu jingħata preferenza fuq għadd ta' evalwazzjonijiet individwali iżolati ma jfissirx li l-PAS jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats.

46. Kif diġà rrilevajt, waqt l-evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet ta' pjan jew ta' proġett fuq is-sit inkwistjoni li għandha titwettaq skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats, għandhom jiġu identifikati, fid-dawl tal-aħjar għarfien xjentifiku fil-qasam, l-aspetti kollha tal-pjan jew tal-proġett inkwistjoni li jistgħu, waħedhom jew flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra, jaffettwaw l-għanijiet ta' konservazzjoni ta' tali sit [19].

47. Għaldaqstant, l-evalwazzjoni mwettqa taħt l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats ma tistax ma tkunx kompleta u għandha tinkludi konstatazzjonijiet kompleti, preċiżi u definittivi, ta' natura li jeliminaw kull dubju xjentifiku raġonevoli dwar l-effetti tax-xogħlijiet ippjanati fis-sit protett inkwistjoni [20].

48. Dan irid japplika wkoll għal proġetti li ma jinsabux f'siti protetti iżda li jista' jkollhom effett sinjifikattiv fuqha [21].

17 Balla, Müller-Pfannenstiel, Lüttmann & Uhl, Eutrophierende Stickstoffeinträge als aktuelles Problem der FFH-Verträglichkeitsprüfung, *Natur und Recht*, 2010, 616 (617).

18 Sentenza tas-26 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Moorburg) (C-142/16, EU:C:2017:301, punt 57).

19 Ara l-punt 39 iktar 'il fuq.

20 Sentenzi tal-11 ta' April 2013, Sweetman *et* (C-258/11, EU:C:2013:220, punt 44), tal-21 ta' Lulju 2016, Orleans *et* (C-387/15 u C-388/15, EU:C:2016:583, punt 50), u tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Foresta ta' Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punt 114).

21 Sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-98/03, EU:C:2006:3, punt 45), u tas-26 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Moorburg) (C-142/16, EU:C:2017:301, punti 29 sa 31).

*a) Fuq l-elementi rilevanti għall-evalwazzjoni*

49. Ir-rekwiżiti li dawn il-kriterji jistabbilixxu fir-rigward ta' evalwazzjoni globali programmatika huma kunsiderevoli, b'mod partikolari peress li għandu jiġi eskluż kull dubju xjentifiku raġonevoli fir-rigward tar-riżultati.

50. Fl-ewwel lok, irid jiġi ddeterminat b'mod korrett kemm jirrilaxxaw nitroġenu l-proġetti individwali li għandhom jiġu kkoordinati u x'inhu l-proporzjon li jilħaq il-habitats sensittivi għan-nitroġenu fis-siti protetti rispettivi.

51. Għal kull superfiċji f'siti protetti li fihom jinsabu habitats protetti għandu jiġi ddeterminat ukoll l-ammont *massimu* ta' nitroġenu ddepożitat mill-proġett individwali evalwat. Id-differenza possibbli fid-depożiti minn biċċa art għal oħra tiddetermina kemm trid tkun preċiża l-grilja tal-evalwazzjoni spazjali rispettiva, jiġifieri liema biċċiet ta' art iridu jiġu evalwati b'mod individwali.

52. Fl-istess waqt, trid tiġi ddeterminata t-tagħbija totali tan-nitroġenu fuq din l-art ikkawżata minn attivitajiet eżistenti. Konsegwentement ma huwiex suffiċjenti li jiġu kkunsidrati setturi partikolari biss, pereżempju l-agrikoltura. Għall-kuntrarju, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sorsi kollha tan-nitroġenu, anki dawk tat-trasport, l-industrija jew l-unitajiet domestiċi.

53. U finalment, iridu jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-fatturi l-oħra kollha li, f'każ ta' interazzjoni mad-depożiti ta' nitroġenu, jista' jkollhom effetti negattivi fuq is-siti protetti.

54. Kif speċifikat korrettament id-Danimarka fis-seduta, huwa possibbli li wieħed jibbaża fuq stimi, għaliex evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet hija neċessarjament tbassir tal-effetti futuri tal-attivitajiet inkwistjoni.

55. Madankollu, dawn l-istimi jridu jikkorrispondu mas-sensittività tal-habitats u l-ispeċi inkwistjoni kif ukoll mar-riskju effettiv ta' deterjorazzjoni minħabba d-depożitu ta' nitroġenu. Ma jkunx biżżejjed li jintwerew biss valuri medji approssimattivi u li l-ogħla valuri lokali jew provviżorji tat-tagħbija jiġu injorati jekk dawn l-ogħla valuri huma ta' natura li jaffettwaw b'mod negattiv l-għanijiet ta' konservazzjoni tas-sit.

*b) Fuq il-kwantità ta' depożiti ta' nitroġenu ammissibbli b'mod totali*

56. L-istabbiliment tal-kwantità ta' depożiti ta' nitroġenu ammissibbli b'mod totali f'kull habitat protett, madankollu, huwa ta' importanza partikolari għal strument ta' koordinazzjoni globali.

57. Pjanijiet jew proġetti jistgħu jippreġudikaw sit protett b'mod sinjifikattiv meta jkun hemm riskju li jikkomprometti l-għanijiet ta' konservazzjoni [22]. Sabiex ma tkunx ippreġudikata l-integrità ta' sit bħala habitat naturali fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats, huwa meħtieġ li s-sit jinżamm fi stat ta' konservazzjoni favorevoli. Dan jinvolvi l-preservazzjoni sostenibbli tal-karatteristiċi kostituttivi tas-sit ikkonċernat li huma marbuta mal-preżenza ta' tip ta' habitat naturali li l-għan ta' preservazzjoni tiegħu ġġustifika d-deżinjazzjoni ta' dan is-sit fil-lista tas-siti ta' importanza għall-Komunità, fis-sens ta' din id-direttiva [23]. Dan japplika b'analoġija mal-ispeċi protetti.

22 Sentenzi tal-11 ta' April 2013, Sweetman *et* (C-258/11, EU:C:2013:220, punt 30), u tal-15 ta' Mejju 2014, Briels *et* (C-521/12, EU:C:2014:330, punt 20).

23 Sentenzi tal-11 ta' April 2013, Sweetman *et* (C-258/11, EU:C:2013:220, punt 39), tal-15 ta' Mejju 2014, Briels *et* (C-521/12, EU:C:2014:330, punt 21), tal-21 ta' Lulju 2016, Orleans *et* (C-387/15 u C-388/15, EU:C:2016:583, punt 47), u tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Foresta ta' Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punt 116).

58. Għaldaqstant, l-għan tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(2) u (3) tad-Direttiva habitats għal depożiti ta' nitroġenu ma jistax ikun li l-livell ta' tagħbija preżenti jinżamm jew jitnaqqas. Pjuttost, għandha tingħata attenzjoni lill-għanijiet ta' konservazzjoni tas-sit protett, jiġifieri, għall-inqas lill-konservazzjoni tat-tipi ta' habitats u l-ispeċi protetti fis-sit f'dak l-istat li kienu fih meta l-Artikolu 6(2) u (3) sar applikabbli.

59. Jekk dawn il-beni protetti ma jinsabux fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, l-obbligu ta' konservazzjoni mill-inqas jirreferi għall-potenzjal disponibbli li jinkiseb tali stat ta' konservazzjoni fil-futur peress li, skont id-definizzjoni ta' stat ta' konservazzjoni favorevoli fl-Artikolu 1(e) u (i) tad-Direttiva habitats, huwa biss tali stat ta' konservazzjoni li jista' jiggarantixxi ż-żamma fit-tul tat-tipi ta' habitats u l-ispeċi rispettivi. Livell ta' tagħbija li jipprevjeni li jinkiseb stat ta' konservazzjoni favorevoli fuq terminu twil joħloq ir-riskju li dawn il-preżenzi jintilfu. Konsegwentement, dan x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv l-integrità tas-sit inkwistjoni.

60. Għaldaqstant, il-fatt imsemmi mir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) li b'kollox id-depożiti ta' nitroġenu qegħdin jonqsu għandu jintlaqa' iżda waħdu mhux bilfors huwa biżżejjed. Pjuttost, l-Artikolu 6(2) u (3) tad-Direttiva habitats jitlob li l-livell ta' tagħbija jitbaxxa b'tali mod li jkun jista' jintlaħaq stat ta' konservazzjoni favorevoli fuq terminu twil.

61. Għal dan il-għan, għandu jiġi stabbilit valur limitu għat-tagħbija totali ammissibbli, mill-inqas għal kull tip ta' habitat u possibbilment anki għal habitats speċifiċi li huma suġġetti għal kundizzjonijiet partikolari.

62. F'dan ir-rigward, huwa diffiċli, jekk mhux saħansitra eskluż, li jiġu aċċettati valuri li jeċċedu l-hekk imsejħin "critical loads". Dawn huma intiżi sabiex jiddefinixxu limiti ta' tagħbija fondati xjentifikament għal tipi ta' veġetazzjoni jew beni protetti oħra, li fil-każ tal-osservanza tagħhom ma jkunux mistennijin effetti dannużi b'mod sinjifikattiv minħabba depożitu ta' inkwinanti, lanqas fuq terminu twil [24]. Ix-xjentisti identifikaw tali "critical loads" ta' nitroġenu għat-tipi ta' habitats protetti skont id-Direttiva habitats fil-Pajjiżi l-Baxxi [25].

63. Barra minn hekk, x'aktarx li huwa neċessarju wkoll li jiġi kkunsidrat f'liema estent il-habitats protetti individwali ġew esposti għal depożiti ta' nitroġenu eċċessivi għal perijodu sinjifikattiv. Minn naħa, ikollu jiġi preżunt li l-istat tal-habitats diġà nbidel b'mod avvers minħabba tali depożiti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispeċi ta' pjanti preżenti. Min-naħa l-oħra, probabbilment hemm tagħbija eċċessiva inizjali ta' nitroġenu, li trid titneħħa jew tiġi eliminata b'mod ieħor qabel ma l-habitats ikunu jistgħu jiżviluppaw konformement mal-għanijiet ta' konservazzjoni tas-sit. Għaldaqstant jista' jkun neċessarju li, sat-tneħħija tar-riżervi ta' nitroġenu eżistenti, saħansitra jkunu awtorizzati inqas depożiti ta' nitroġenu addizzjonali milli previsti fil-"critical loads".

64. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-qorti nazzjonali kompetenti ser ikollha teżamina jekk il-"critical loads" jew valuri oħra humiex xjentifikament issostanzjati biżżejjed li, fil-każ tal-osservanza tagħhom, ikun eskluż kull dubju xjentifiku raġonevoli li l-integrità tas-siti kkonċernati ma hijiex affettwata b'mod avvers.

24 Skont il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja) tat-28 ta' Marzu 2013, A44 – Kammmolch (9 A 22.11, DE:BVerwG:2013:280313U9A22.11.0, punt 61). Dan jikkorrispondi mad-definizzjoni rrikonoxxuta xjentifikament f'livell internazzjonali ta' Nilsson, J., & Grennfelt, P., Critical Loads for Sulphur and Nitrogen: Report from a Workshop Held at Skokloster, Sweden 19–24 March 1988, *NORD miljørapport* 1988:15, Kopenħagen: NORD: "a quantitative estimate of exposure to one or more pollutants below which significant harmful effects on specified sensitive elements of the environment do not occur according to present knowledge".

25 Għall-Pajjiżi l-Baxxi, van Dobben, H. F., Bobbink, R., Bal, D., van Hinsberg, A., (2014), *Overview of critical loads for nitrogen deposition for Natura 2000 habitat types occurring in The Netherlands*, Alterra report 2488, Wageningen: Alterra.

65. Kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-294/17, ir-riferiment għat-tagħbija eċċessiva ta' ħafna siti protetti huwa bbażat fuq eċċess tal-"critical loads"[26], jiġifieri depożiti ta' nitroġenu annwali li jeċċedu l-"critical loads". Madankollu, meta ġie stabbilit il-PAS, mid-dehra ma tqiesx bħala realistiku ħafna u politikament implimentabbli li l-"critical loads" jiġu osservati[27]. Minflok, il-mira tal-PAS hija deskritta bħala bilanċ bejn il-vantaġġi għan-natura u l-piż għas-soċjetà[28].

66. Jekk din id-deskrizzjoni hija korretta, il-PAS ma jkunx adattat sabiex jippermetti l-awtorizzazzjoni ta' proġetti skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats. Pjuttost, bilanċ ikollu jiġi evalwat skont l-Artikolu 6(4). Madankollu, it-talba għal deċiżjoni preliminari ma tippermettix lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkummenta definittivament f'dan ir-rigward.

*3. Konklużjoni intermedja*

67. Għaldaqstant, ir-risposta għat-tieni domanda fil-Kawża C-294/17 għandha tkun li l-Artikolu 6(2) u (3) tad-Direttiva habitats jippermetti li evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet għal programm, li fih tiġi evalwata ċerta kwantità totali ta' depożiti ta' nitroġenu, tintuża bħala bażi għall-għoti ta' awtorizzazzjoni individwali għal proġett jew inizjattiva oħra li jikkawżaw depożiti ta' nitroġenu f'siti protetti konformi mal-marġni tad-depożitu evalwat fil-kuntest tal-programm. Madankollu, l-imsemmija evalwazzjoni trid tinkludi konstatazzjonijiet u konklużjonijiet kompleti, preċiżi u definittivi, li kapaċi jeliminaw kull dubju xjentifiku raġonevoli dwar l-effetti tad-depożiti. Dan jippresupponi li jiġi żgurat, għal kull proġett individwali u għal kull superfiċji fi ħdan siti protetti li fihom jinsabu habitats protetti, li fuq terminu twil id-depożiti ta' nitroġenu awtorizzati b'mod totali ma jipperikolawx il-konservazzjoni tat-tipi ta' habitats u l-ispeċi protetti fis-sit u l-potenzjal ta' ripristinar ta' stat ta' konservazzjoni tajjeb.

***B. Fuq il-ħames domanda sal-punt (a) tas-seba' domanda fil-Kawża C-293/17 u t-tielet domanda sal-punt (a) tal-ħames domanda fil-Kawża C-294/17 – Kunsiderazzjoni ta' miżuri li ma humiex relatati ma' proġett***

68. B'sensiela ta' domandi fiż-żewġ kawżi, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jixtieq isir jaf jekk fl-evalwazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni ċerti miżuri u żviluppi li ma humiex direttament marbuta mal-pjan jew proġett rispettiv li għandu jiġi evalwat. B'mod partikolari, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jistaqsi jekk jistax jittieħed inkunsiderazzjoni tnaqqis awtonomu mistenni tal-emissjonijiet tan-nitroġenu (is-sitt domanda fil-Kawża C-293/17 u r-raba' domanda fil-Kawża C-294/17). Barra minn hekk, minn naħa, huma kkonċernati miżuri li jnaqqsu l-emissjonijiet tan-nitroġenu minn sorsi oħra u, min-naħa l-oħra, miżuri ta' ripristinar f'habitats sensittivi tas-siti protetti, intiżi sabiex joħolqu marġni għal depożiti ta' nitroġenu ulterjuri.

69. Ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jistaqsi, b'mod separat, jekk tali miżuri jistgħux jiġu kkunsidrati jekk jiġu adottati skont l-Artikolu 6(1) u (2) tad-Direttiva habitats (il-ħames domanda u l-punt (a) tal-ħames domanda fil-Kawża C-293/17 kif ukoll it-tielet domanda u l-punt (a) tat-tielet domanda fil-Kawża C-294/17) jew bħala miżuri ta' protezzjoni fis-sens tal-punt 28 tas-sentenza Briels[29] (is-seba' domanda u l-punt (a) tas-seba' domanda fil-Kawża C-293/17 kif ukoll il-ħames domanda u l-punt (a) tal-ħames domanda fil-Kawża C-294/17). Madankollu, din id-distinzjoni ma nemminx li hija rilevanti. Jekk proġett jiġi awtorizzat skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats, ma

26 Punt 6.1 tat-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-294/17.

27 De Heer M., Roozen F., Maas R., The integrated approach to nitrogen in the Netherlands: A preliminary review from a societal, scientific, juridical and practical perspective, *Journal for Nature Conservation*, 35 (2017), 101 (106).

28 *Ibid.*, p. 107.

29 Sentenza tal-15 ta' Mejju 2014, Briels *et* (C-521/12, EU:C:2014:330).

jkunx jagħmel sens li jiġi applikat l-Artikolu 6(2)[30] b'mod parallel. U l-miżuri skont l-Artikolu 6(1) huma direttament marbuta ma' jew meħtieġa għall-ġestjoni tas-sit u għalhekk ma humiex inklużi fl-evalwazzjoni skont l-Artikolu 6(3). Irrispettivament mill-kwalifika legali tagħhom, il-fattur kruċjali pjuttost irid ikun jekk il-miżuri inkwistjoni jippermettux li jiġi kkonstatat li depożiti ta' nitroġenu addizzjonali ma jaffettwawx b'mod avvers l-integrità tas-sit.

70. Għaldaqstant, fl-ewwel lok ser nippreżenta l-bażijiet legali għat-teħid inkunsiderazzjoni ta' miżuri li ma humiex relatati ma' proġett (ara taħt 1) u mbagħad ser nindirizza b'mod separat it-tnaqqis tal-emissjonijiet tan-nitroġenu minn sorsi oħra (ara taħt 2), il-miżuri ta' ripristinar fis-siti protetti (ara taħt 3) u t-teħid inkunsiderazzjoni ta' żviluppi futuri, inkluż it-tnaqqis mistenni fl-emissjonijiet tan-nitroġenu (ara taħt 4).

### *1. Fuq il-bażijiet legali*

71. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li fl-evalwazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats l-awtorità nazzjonali kompetenti trid tieħu inkunsiderazzjoni l-miżuri ta' protezzjoni integrati fl-imsemmi proġett immirati sabiex *jevitaw jew inaqqsu* l-effetti dannużi possibbli kkawżati direttament fis-sit għall-fini li tiżgura ruħha li l-integrità tas-sit ma tkunx ippreġudikata minn dan il-proġett[31].

72. Madankollu, miżuri ta' protezzjoni previsti minn proġett, li jimmiraw li *jikkumpensaw* l-effetti negattivi tiegħu fuq sit Natura 2000 ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-proġett fis-sens tal-Artikolu 6(3)[32].

73. Miżuri li la jimmiraw li jevitaw u lanqas li jnaqqsu l-effetti negattivi sinjifikattivi kkawżati minn proġett fuq it-tip ta' habitat, iżda li għandhom tendenza li jikkumpensawhom iktar tard, ma humiex infatti miżuri ta' protezzjoni li jiggarantixxu li l-proġett ma huwiex ser jaffettwa b'mod avvers l-integrità tas-sit fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats[33].

74. Din id-distinzjoni bejn miżuri għat-tnaqqis tad-dannu, li jistgħu jiġu applikati fil-kuntest tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats, u miżuri kumpensatorji, li fir-rigward tagħhom dan ma japplikax, tikkorrispondi mal-prinċipju stipulat fl-Artikolu 191(2) TFUE li l-ħsara lill-ambjent għandha bħala prijorità tiġi indirizzata fis-sors tagħha[34]. Bħall-prinċipju ta' prekawzjoni, dan l-għan huwa sottostanti għall-politika ambjentali tal-Unjoni u għalhekk anki għad-Direttiva habitats. Fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats dan huwa espress b'mod partikolarment ċar, peress li l-evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet tfittex li tidentifika u tevita effetti negattivi li jirriżultaw mill-pjan jew proġett li għandu jiġi eżaminat. Għaldaqstant, dan il-proġett jiġi eżaminat bħala sors possibbli ta' danni ambjentali.

75. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats ma jipprevedix li l-effetti negattivi kkawżati lil siti protetti minn pjan jew proġett jistgħu jiġu kkumpensati[35]. Barra minn hekk, dan ikun manifestament inkompatibbli mal-prinċipju li l-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità, tiġi indirizzata fis-sors tagħha.

30 Sentenza tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:482, punt 35).

31 Sentenzi tal-15 ta' Mejju 2014, Briels *et* (C-521/12, EU:C:2014:330, punt 28), u tal-21 ta' Lulju 2016, Orleans *et* (C-387/15 u C-388/15, EU:C:2016:583, punt 54).

32 Sentenza tal-15 ta' Mejju 2014, Briels *et* (C-521/12, EU:C:2014:330, punt 29), u tal-21 ta' Lulju 2016, Orleans *et* (C-387/15 u C-388/15, EU:C:2016:583, punt 48).

33 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Mejju 2014, Briels *et* (C-521/12, EU:C:2014:330, punt 31).

34 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawża Grace u Sweetman (C-164/17, EU:C:2018:274, punt 76).

35 Ara s-sentenza tal-21 ta' Lulju 2016, Orleans *et* (C-387/15 u C-388/15, EU:C:2016:583, punt 57).

76. Il-Qorti tal-Ġustizzja ġustament tenfasizza dwar id-diffikultajiet li tiġi evalwata, biċ-ċertezza neċessarja, l-effettività ta' miżuri kumpensatorji li għandhom iħallu frott fil-futur [36] kif ukoll dwar ir-riskju ta' evażjoni tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva habitats, fejn il-miżuri kumpensatorji huma espressament previsti fil-forma ta' miżuri intiżi sabiex jiggarantixxu l-koerenza ta' Natura 2000, iżda huma kkombinati ma' rekwiżiti oħra [37].

77. Id-Danimarka korrettament tissostanzja li l-evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet trid tkun kompleta. Għaldaqstant, ovvjament din trid tieħu inkunsiderazzjoni wkoll il-fatturi kollha li ma humiex direttament attribwiti lill-proġett iżda li jistgħu jinfluwenzaw l-effetti tal-proġett fi ħdan is-sit protett. Ma huwiex ta' xejn li l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats jirreferi għall-pjanijiet u proġetti li, b'mod individwali jew *flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra*, jista' jkollhom effett sinjifikattiv fuq sit protett.

78. Madankollu, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats teżisti differenza sostanzjali bejn miżuri li jaġixxu fis-sors investigat ta' effett negattiv u miżuri oħra. Jekk, bħala riżultat tat-tnaqqis tad-dannu, l-effett negattiv tal-proġett eżaminat jiġi eliminat jew isir insinjifikattiv, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-proġett skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats. Min-naħa l-oħra, miżuri oħrajn li ma jaġixxux fis-sors investigat ma jħallux impatt fuq l-effett negattiv ikkawżat mill-proġett. B'mod partikolari, l-effetti pożittivi ta' dawn il-miżuri l-oħra ma jistgħux sempliċiment jagħmlu tajjeb għall-effett negattiv ikkawżat mill-proġett eżaminat.

79. Tali miżuri jistgħu jippermettu proġett fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6(3) biss jekk inaqqsu t-tagħbija totali fuq is-sit protett jew is-sensittività tiegħu għall-effetti negattivi b'tali mod li l-effetti negattivi li jirriżultaw mill-proġett eżaminat ma jaffettwawx b'mod avvers l-integrità tas-sit. Jekk minkejja li l-effetti negattivi jonqsu fit-totalità tagħhom, l-integrità tas-sit protett ikkonċernat hija xorta waħda affettwata b'mod avvers, l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats fi kwalunkwe każ ma jippermettix effetti negattivi addizzjonali tal-istess tip.

80. Dan jixhdu l-eżempju tad-depożiti ta' nitroġenu: ma huwiex suffiċjenti li dawn jitnaqqsu bi kwantità speċifika, pereżempju 1 kg N/ha/sena, sabiex imbagħad jiġi permess l-istess ammont ta' depożiti addizzjonali, dment li l-habitat protett b'mod totali xorta waħda jkun għadu suġġett għal tagħbija eċċessiva ta' nitroġenu. Id-depożiti addizzjonali jistgħu jiġu permessi biss jekk it-tagħbija totali, inklużi dawk tal-ewwel, tant tkun baxxa li ma taffettwax l-integrità tas-sit.

81. Barra minn hekk, għandu jiġi rrimarkat li l-Istati Membri diġà huma obbligati jieħdu l-miżuri neċessarji għall-eliminazzjoni ta' effetti negattivi eżistenti f'siti protetti, pereżempju depożiti eċċessivi ta' nitroġenu, irrispettivament mill-awtorizzazzjoni ta' proġett ġdid skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva habitats [38].

## *2. Fuq il-"miżuri fis-sors" imsemmija fit-talbiet għal deċiżjoni preliminari*

82. Mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-ħames domanda fil-Kawża C-293/17 u t-tielet domanda fil-Kawża C-294/17 jirreferu għal miżuri li jaġixxu fis-sors, li jnaqqsu pereżempju l-emissjonijiet tan-nitroġenu mill-istalel ta' azjendi oħra. Preċetti korrispondenti normalment iridu jiġu osservati f'każ ta' modifikazzjonijiet jew estensjonijiet ta' azjendi agrikoli.

36 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Mejju 2014, Briels *et* (C-521/12, EU:C:2014:330, punt 32).

37 Sentenza tal-15 ta' Mejju 2014, Briels *et* (C-521/12, EU:C:2014:330, punti 33 *et seq.*).

38 Sentenzi tal-24 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni vs Spanja (Alto Sil) (C-404/09, EU:C:2011:768, punti 126 u 142) u tal-14 ta' Jannar 2016, Grüne Liga Sachsen *et* (C-399/14, EU:C:2016:10, punti 41 sa 43).

83. Madankollu, mhux dawn is-sorsi huma s-suġġett tal-evalwazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats fil-kawżi prinċipali iżda sorsi *oħra*. It-tnaqqis tal-emissjonijiet minn dawn is-sorsi l-oħra ta' nitroġenu la jevita d-depożiti li jirriżultaw mill-azjenda investigata f'kull każ u lanqas ma jnaqqas tali depożiti. Għaldaqstant, waqt l-awtorizzazzjoni ta' azjenda agrikola skont l-Artikolu 6(3), dan ma jistax awtomatikament jagħmel tajjeb għal dawn l-emissjonijiet tan-nitroġenu, lanqas parzjalment.

84. Huwa biss jekk, bis-saħħa ta' dawn il-miżuri li jaġixxu f'sorsi oħra, id- depożiti ta' nitroġenu fis-sit protett inkwistjoni tant jaqgħu taħt il-valuri stabbiliti għall-habitats inkwistjoni li jinħoloq marġni suffiċjenti għal depożiti ta' nitroġenu addizzjonali, jiġifieri t-tagħbija totali tkun konsistenti mal-istandard żviluppat iktar 'il fuq [39], li dawn id-depożiti addizzjonali jkunu jistgħu jiġu awtorizzati skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats.

*3. Fuq il-miżuri fis-siti protetti*

85. Il-miżuri fis-siti protetti msemmija mir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) fis-seba' domanda tal-Kawża C-293/17 u fil-ħames domanda tal-Kawża C-294/17 ukoll ma humiex xierqa sabiex jiġu rrikonoxxuti bħala miżuri ta' protezzjoni integrati għat-tnaqqis tad-dannu.

86. Huwa minnu li r-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jinforma li, skont il-ġurisprudenza nazzjonali tiegħu, miżuri ta' ripristinar fis-siti protetti li jittieħdu speċifikament għall-implimentazzjoni ta' pjan jew proġett, u addizzjonalment għall-ġestjoni eżistenti, għandhom jiġu kkunsidrati bħala miżuri għat-tnaqqis tad-dannu jekk ikollhom l-għan li jevitaw jew inaqqsu l-konsegwenzi lokali għal habitats protetti li jkunu affettwati b'mod negattiv mill-pjan jew proġett li kieku ma jittiħdux il-miżuri inkwistjoni. F'dak ir-rigward ukoll tkun ikkonċernata t-taffija ta' konsegwenzi diretti tal-proġett [40].

87. Madankollu, il-miżuri fis-siti protetti wkoll ma għandhomx effett fuq is-sors tad-depożiti ta' nitroġenu li għandhom jiġu evalwati, iżda biss fejn jokkorru. Barra minn hekk, ma humiex intiżi sabiex jevitaw id-depożiti tal-proġett eżaminat, iżda l-iktar l-iktar jistgħu jeliminawhom sussegwentement. Madankollu, ġeneralment ma jkoprux speċifikament id-depożiti ta' nitroġenu tal-proġett rispettiv, iżda mingħajr distinzjoni depożiti minn sorsi differenti ħafna.

88. Kuntrarjament għall-fehma tar-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat), is-sentenza Moorburg ma twassalx għal eżitu differenti. F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk jistax jittieħed inkunsiderazzjoni passaġġ għall-ħut sabiex jiġi kkonstatat li l-qtil tal-ħut minħabba t-tkessiħ ta' impjant tal-enerġija ma jaffettwax b'mod avvers l-integrità ta' siti [41]. Din l-ipoteżi hija bbażata fuq l-idea li, għalkemm minn naħa hemm numru inqas ta' ħut li jilħaq is-siti protetti għar-riproduzzjoni minħabba t-telf ta' ħut fejn l-impjant tal-enerġija, dan l-iżvantaġġ min-naħa l-oħra huwa mill-inqas ikkumpensat permezz tal-passaġġ għall-ħut, għaliex bis-saħħa ta' din il-miżura hemm iktar ħut li jista' jilħaq is-siti.

89. F'dik il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja ma kkummentatx dwar jekk tali kumpens jistax jiġi rrikonoxxut bħala miżura li tnaqqas id-dannu, iżda sempliċiment ikkonstatat li l-vantaġġi tal-passaġġ għall-ħut kienu għadhom ma humiex mogħtija waqt l-awtorizzazzjoni tal-impjant tal-enerġija u kienu għadhom ma setgħux jiġu pprovati. B'hekk setgħet tiddetermina diġà li waqt l-awtorizzazzjoni kien sar ksur tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats, mingħajr ma kellha għalfejn tiddetermina b'mod definittiv jekk tali miżura tistax qabelxejn tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

39 Ara iktar 'il fuq, il-punti 56 *et seq.*

40 Punti 10.16 u 10.35 tat-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-294/17.

41 Sentenza tas-26 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-142/16, EU:C:2017:301, punt 38).

90. Madankollu, il-Pajjiżi l-Baxxi jargumentaw li permezz ta' dawn il-miżuri jkun jista' jiġi ddepożitat iktar nitroġenu fis-siti protetti mingħajr ma jiġu affettwati l-habitats protetti. Fil-fatt, jidher li jeżistu miżuri li għandhom dan l-effett. F'dan ir-rigward jissemmew il-ħsad frekwenti inkluż ir-rimi tar-residwi, il-ħruq tal-veġetazzjoni, it-tixrib mill-ġdid ta' pantani jew it-tneħħija ta' ħamrija b'tagħbija għolja ta' nitroġenu [42]. Speċifikament, il-miżuri magħżulin f'kull każ, inklużi l-iżvantaġġi possibbli tagħhom [43], ikollhom jiġu evalwati mill-qrati nazzjonali.

91. Jekk f'dan il-proċess jirriżulta li tassew ser jinħoloq marġni għal depożiti ta' nitroġenu addizzjonali permezz ta' dawn il-miżuri, dan ikun jista' jintuża għal pjanijiet u proġetti ġodda.

*4. Fuq l-iżviluppi futuri*

92. Wieħed mill-elementi komuni tal-miżuri kollha li ma humiex relatati ma' proġett diskussi sa issa hija ċ-ċirkustanza li l-effetti tagħhom għadhom ma humiex stabbiliti iżda ħafna drabi huma mistennija biss għall-futur. Għaldaqstant, bil-punt (a) tal-ħames domanda u bil-punt (a) tas-seba' domanda fil-Kawża C-293/17 kif ukoll bil-punt (a) tat-tielet domanda u bil-punt (a) tal-ħames domanda fil-Kawża C-294/17, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jistaqsi kemm dan l-element temporali huwa ta' rilevanza għall-evalwazzjoni ta' dawn il-miżuri kif ukoll jekk monitoraġġ, bil-possibbiltà ta' aġġustament tal-miżuri, jippermettix li jittieħdu inkunsiderazzjoni żviluppi futuri. Bis-sitt domanda fil-Kawża C-293/17 u bir-raba' domanda fil-Kawża C-294/14 titqajjem l-istess problema fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tat-tnaqqis ġenerali mistenni ta' emissjonijiet tan-nitroġenu.

93. Konsegwentement, irid jiġi ċċarat jekk huwiex possibbli li jiġu awtorizzati proġetti bil-preżunzjoni li miżuri fis-sors u fis-siti, imwettqa fil-qafas tal-PAS, kif ukoll it-tnaqqis tal-emissjonijiet tan-nitroġenu minħabba raġunijiet oħra, jipprovdux marġnijiet futuri għal depożiti ta' nitroġenu addizzjonali, minkejja li dan ikun għadu ma ġiex stabbilit b'ċertezza.

94. Madankollu, fid-data tad-deċiżjoni li tawtorizza t-twettiq tal-proġett ma għandu jibqa' l-ebda dubju raġonevoli mill-aspett xjentifiku fir-rigward tal-assenza ta' effetti li jikkawżaw ħsara lill-integrità tas-sit inkwistjoni [44]. Naturalment, huwa partikolarment diffiċli li dan l-ostakolu jingħeleb fil-każ ta' miżuri u żviluppi futuri, kemm f'dak li jirrigwarda l-effettività tal-miżuri kif ukoll fir-rigward taċ-ċertezza li dawn il-miżuri u żviluppi jkunu attwalment ser iseħħu.

95. Huwa anki minħabba din l-inċertezza inevitabbli li l-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat li tikkunsidra l-effetti pożittivi ta' habitats ġodda li għad iridu jinħolqu fl-evalwazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats [45]. Bl-istess mod ikkunsidrat li monitoraġġ kif ukoll il-possibbiltà tal-aġġustament tal-miżuri ma humiex suffiċjenti [46].

96. Ma jistax japplika mod ieħor għall-PAS.

42 Jones, L. *et*, "Can on-site management mitigate nitrogen deposition impacts in non-wooded habitats?", *Biological Conservation*, Volum 212, Parti B, 2017, p. 464 sa 475, https://doi.org/10.1016/j.biocon.2016.06.012 (ċitazzjoni skont http://eprints.whiterose.ac.uk/102105/).

43 Jones *et*, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42.

44 Sentenzi tas-26 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (Castro Verde) (C-239/04, EU:C:2006:665, punt 24), tas-26 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Moorburg) (C-142/16, EU:C:2017:301, punt 42), u tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Foresta ta' Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punt 120).

45 Sentenzi tal-15 ta' Mejju 2014, Briels *et* (C-521/12, EU:C:2014:330, punt 32), u tal-21 ta' Lulju 2016, Orleans *et* (C-387/15 u C-388/15, EU:C:2016:583, punt 56).

46 Sentenza tas-26 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Moorburg) (C-142/16, EU:C:2017:301, punti 37 sa 45). Ara wkoll is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2016, Orleans *et* (C-387/15 u C-388/15, EU:C:2016:583, punt 27).

97. *Prima facie* wieħed jista' jqis li dan l-eżitu huwa kontradittorju għan-natura pronjostika tal-evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats[47]. Madankollu, b'mod inevitabbli, l-evalwazzjoni tal-effetti futuri ta' pjan jew proġett tista' ssir biss permezz ta' tbassir. Min-naħa l-oħra ma teżistix in-neċessità li tiġi invokata l-inċertezza tat-tbassir jekk, b'mod indipendenti mill-proġett, jittieħdu miżuri għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet li huma intiżi sabiex l-effetti negattivi tal-proġett ma jaffettwawx l-integrità ta' siti protetti.

### *5. Konklużjoni intermedja*

98. Għaldaqstant, ir-risposta għall-ħames domanda sal-punt (a) tas-seba' domanda fil-Kawża C-293/17 kif ukoll għat-tielet domanda sal-punt (a) tal-ħames domanda fil-Kawża C-294/17 għandha tkun li

– miżuri għat-tnaqqis ta' depożiti ta' nitroġenu minn sorsi oħra;

– miżuri ta' ripristinar għat-tisħiħ ta' habitats sensittivi għan-nitroġenu fis-siti inkwistjoni u

– it-tnaqqis awtonomu tal-emissjonijiet tan-nitroġenu

jistgħu jiġġustifikaw il-kompatibbiltà ta' depożiti ta' nitroġenu addizzjonali f'siti protetti mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats biss jekk fid-data tal-awtorizzazzjoni jkun diġà ġie stabbilit b'mod definittiv li t-tagħbija totali fuq is-sit b'depożiti ta' nitroġenu tkun ser tibqa' taħt il-limitu ta' preġudizzju għall-integrità tas-sit. Madankollu, għall-awtorizzazzjoni ta' depożiti ta' nitroġenu addizzjonali ma huwiex biżżejjed li, għalkemm b'mod totali d-depożiti jonqsu, l-uċuħ inkwistjoni xorta waħda jkunu suġġetti għal tagħbija eċċessiva ta' nitroġenu. Is-sempliċi tbassir tal-effetti futuri tal-imsemmija miżuri u t-tnaqqis mistenni tal-emissjonijiet tan-nitroġenu ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni ta' depożiti ta' nitroġenu addizzjonali.

## ***C. Fuq l-ewwel domanda fil-Kawża C-294/17 – Limiti u valuri limitu għal depożiti ta' nitroġenu***

99. L-ewwel domanda fil-Kawża C-294/17 għandha tiċċara jekk l-Artikolu 6(2) u (3) tad-Direttiva habitats jipprekludix leġiżlazzjoni li hija intiża li teżenta mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni proġetti individwali u inizjattivi oħra li jikkawżaw depożiti ta' nitroġenu li ma jeċċedux limitu jew valur limitu u b'hekk huma permessi mingħajr awtorizzazzjoni individwali, bil-preżunzjoni li l-effett tal-proġetti kollha u ta' inizjattivi oħra meqjusa flimkien li jistgħu jibbenefikaw mil-leġiżlazzjoni jkun ġie evalwat b'mod xieraq qabel l-adozzjoni tal-imsemmija leġiżlazzjoni.

100. B'differenza għal, pereżempju, l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva SEA, id-Direttiva habitats ma tinkludix dispożizzjonijiet espressi dwar l-obbligu ta' awtorizzazzjoni ta' ċerti attivitajiet.

101. B'mod partikolari, l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva habitats ma jeżiġix li ċerti attivitajiet jiġu suġġetti għal obbligu ta' awtorizzazzjoni. Għalkemm l-obbligu ta' awtorizzazzjoni jidher li huwa adattat għall-ksib tal-għanijiet ta' din id-dispożizzjoni fir-rigward tal-effetti tal-attivitajiet inkwistjoni fuq siti protetti, id-diskrezzjoni tal-Istati Membri[48] tippermetti wkoll metodi oħra.

102. Min-naħa l-oħra, il-proċedura tal-evalwazzjoni *ex ante* skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats tippresupponi tali awtorizzazzjoni, peress li għandha titwettaq b'ħarsa lejn il-qbil tal-awtoritajiet għall-proġett jew pjan inkwistjoni. Għaldaqstant, ir-rinunzja ta' proċedura tal-awtorizzazzjoni jkun kompatibbli biss mal-Artikolu 6(3) jekk ikun stabbilit li l-attivitajiet inkwistjoni ma għandhomx bżonn evalwazzjoni.

47 Ara l-punt 54 iktar 'il fuq.
48 Sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Grüne Liga Sachsen *et* (Waldschlößchenbrücke) (C-399/14, EU:C:2016:10, punt 40).

103. Kif diġà nnotajt, evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet ma hijiex neċessarja jekk ikun jista' jiġi eskluż, fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, li pjan jew proġett, individwalment jew flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra, jista' jaffettwa siti protetti ħażin b'mod sinjifikattiv[49]. Min-naħa l-oħra, ma huwiex permess li jiġu esklużi mill-evalwazzjoni ċerti kategoriji ta' proġetti fuq il-bażi ta' kriterji li ma jiżgurawx b'mod adegwat li dawn ma jistgħux jaffettwaw is-siti protetti b'mod sinjifikattiv[50]. Il-parametru ta' din l-evalwazzjoni jista' jkun biss, l-istess bħal fil-każ tal-approvazzjoni ta' pjanijiet u proġetti evalwati, l-assenza ta' dubji xjentifiċi raġonevoli.

104. Għaldaqstant, id-determinazzjoni ta' limiti jew valuri limitu għar-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni, li min-naħa tagħha tkun il-kundizzjoni għat-twettiq ta' evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet, tkun kompatibbli biss mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats jekk, fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, ikun jista' jiġi eskluż li depożiti ta' nitroġenu taħt dawn il-valuri jistgħu jaffettwaw siti protetti b'mod sinjifikattiv, individwalment jew flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra[51].

105. Il-PAS jeżenta proġetti mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni li jikkontribwixxu inqas mil-limitu ta' 0.05 mol N/ha/sena jew mill-valur limitu ta' bejn 0.05 u 1 mol N/ha/sena għad-depożiti ta' nitroġenu f'siti protetti. Nimmaġina li dawn il-valuri huma xjentifikament issostanzjati biżżejjed li jwarrbu kull dubju xjentifiku raġonevoli li depożiti ta' nitroġenu addizzjonali f'din il-portata ma jistgħux jaffettwaw siti protetti b'mod sinjifikattiv.

106. *Prima facie* dan huwa ssuġġerit mill-fatt li dawn il-valuri jikkorrispondu biss għal frazzjonijiet immens żgħar tal-"critical loads" ta' habitats li huma partikolarment sensittivi għan-nitroġenu: 0.017 % u 0.23 % tal-limitu tat-tagħbija ta' 6 kg N/ha/sena għal ilmijiet oligotrofiċi ta' pjanuri ramlija b'kontenut baxx ħafna ta' minerali (*Littorelletalia uniflorae*) (Kodiċi Natura 2000 3110) kif ukoll 0.01 % u 0.2 % tal-limitu tat-tagħbija ta' 7 kg N/ha/sena għal bog attivi merfugħa 'l fuq (Kodiċi Natura 2000 7110). Għall-maġġoranza tal-habitats l-oħra l-"critical loads" parzjalment huma ogħla b'mod kunsiderevoli[52].

107. Barra minn hekk, l-Artikolu 2(3) tal-Besluit grenswaarden programmatische aanpak tal-Pajjiżi l-Baxxi (ir-Regolament dwar Valuri Limitu għall-Approċċ Programmatiku) saħansitra jipprovdi tnaqqis awtomatiku tal-valur limitu minn bejn 0.05 u 1 mol N/ha/sena għal 0.05 mol N/ha/sena, jekk ikun għadu disponibbli biss 5 % tal-marġni tad-depożiti f'uċuħ ikkonċernati li huma sensittivi għan-nitroġenu. Din id-dispożizzjoni tikkumbatti r-riskju tal-kumulazzjoni ta' depożiti ta' nitroġenu minn bosta sorsi individwali żgħar, l-hekk imsejħa "mewt b'elf qatgħa"[53].

108. Min-naħa tagħha, il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali) Ġermaniża hija ħafna iktar ġeneruża fl-istabbiliment ta' limitu *de minimis* għal depożiti ta' nitroġenu. Fil-fatt, din tirrileva li jeżisti kunsens xjentifiku li, f'każ ta' tagħbijiet preeżistenti estremament għoljin fuq il-habitats inkwistjoni, tagħbijiet addizzjonali ta' mhux iktar minn 3 % tal-"critical load" ma humiex f'pożizzjoni li jwasslu għal bidliet sinjifikattivi fl-*istatus quo* jew li jirrestrinġu b'mod sinjifikattiv ir-ripristinar għal stat favorevoli[54]. Jekk din il-konstatazzjoni tal-ġudikatura Ġermaniża hijiex essenzjalment kompatibbli mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats ma għandux għalfejn jiġi deċiż hawnhekk. Madankollu, fi kwalunkwe każ, hija indikazzjoni oħra li l-limiti u l-valuri limitu tal-Pajjiżi l-Baxxi ħafna iktar baxxi jistgħu jkunu xjentifikament issostanzjati.

49 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 14 kif ukoll is-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-98/03, EU:C:2006:3, punt 40).

50 Sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-98/03, EU:C:2006:3, punt 41), u tas-26 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-538/09, EU:C:2011:349, punt 41).

51 Sentenzi tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Franza (C-241/08, EU:C:2010:114, punt 32), u tas-26 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-538/09, EU:C:2011:349, punt 52).

52 Il-valuri tal-"critical loads" ittieħdu minn Dobben *et*, skont iċ-ċitazzjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25.

53 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Sweetman *et* (C-258/11, EU:C:2012:743, punt 67).

54 Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali), sentenza tal-14 ta' April 2010, Hessisch Lichtenau II (DE:BVerwG:2010:140410U9A5.08.0, punt 94).

109. Irrispettivament minn dawn l-indizji, madankollu, il-qorti nazzjonali kompetenti għandha teżamina jekk il-prova tal-irrilevanza ta' effetti dannużi ġietx tassew ipprovduta biċ-ċertezza suffiċjenti fir-rigward tal-limiti u l-valuri limitu tal-Pajjiżi l-Baxxi.

110. Għaldaqstant, ir-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawża C-294/17 għandha tkun li leġiżlazzjoni li hija intiża sabiex teżenta mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni dawk il-proġetti u l-inizjattivi l-oħra li jikkawżaw depożiti ta' nitroġenu li ma jeċċedux limitu jew valur limitu, u b'hekk huma permessi mingħajr awtorizzazzjoni individwali sakemm, fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, xjentifikament ma jkun jeżisti l-ebda dubju raġonevoli li fis-sit protett inkwistjoni ma huwiex ser ikun hemm deterjorazzjoni sinjifikattiva bħala riżultat tad-depożiti ta' nitroġenu, hija kompatibbli mal-Artikolu 6(2) u (3) tad-Direttiva habitats.

### *D. Fuq l-ewwel domanda sal-punt (a) tar-raba' domanda u t-tmien domanda fil-Kawża C-293/17 – Obbligu ta' evalwazzjoni għar-ragħa u l-fertilizzazzjoni*

111. Il-Kawża C-293/17 tikkonċerna żewġ attivitajiet agrikoli li jwasslu għal depożiti ta' nitroġenu, jiġifieri r-ragħa tal-bhejjem u l-fertilizzazzjoni ta' art li tinħarat. Bl-ewwel domanda sal-punt (a) tar-raba' domanda għandu jiġi ċċarat jekk dawn l-attivitajiet jirrikjedux evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats. Fl-ewwel lok ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jixtieq isir jaf jekk dawn humiex proġetti fi ħdan it-tifsira tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) (ara taħt 1) u, fit-tieni lok, jekk dawn jistgħux jifformaw proġett globali uniku flimkien mal-azjenda agrikola inkwistjoni, kif diġà kien is-suġġett ta' awtorizzazzjoni unika qabel l-Artikolu 6(3) sar applikabbli (ara taħt 2). Fir-rigward tal-attivitajiet fil-qasam tal-fertilizzazzjoni u tar-ragħa mibdija ġodda waqt l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(3), ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jistaqsi jekk huwiex permissibbli li f'każ konkret tiġi rrinunzjata awtorizzazzjoni jekk din ir-rinunzja tkun ibbażata fuq evalwazzjoni li l-eżitu tagħha huwa li bħala medja tista' tiġi eskluża żieda fid-depożiti ta' nitroġenu permezz ta' dawn l-attivitajiet (ara taħt 3). Fir-rigward tal-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 6(2) għall-fertilizzazzjoni jew ir-ragħa, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jistaqsi wkoll jekk din id-dispożizzjoni ġietx suffiċjentement implimentata fid-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi (ara taħt 4).

#### *1. Fuq il-klassifikazzjoni bħala proġett*

112. Ser nibda billi niddiskuti l-ewwel domanda fil-Kawża C-293/17, jiġifieri jekk il-fertilizzazzjoni u r-ragħa ta' bhejjem tal-ħalib għandhomx jitqiesu bħala proġetti.

113. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats, il-proġetti li waħedhom jew flimkien ma' pjanijiet u proġetti oħra jistgħu jaffettwaw sit protett b'mod sinjifikattiv jeħtieġu evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mal-għanijiet ta' konservazzjoni stabbiliti għas-sit.

##### *a) Fuq il-kunċett ta' proġett*

114. Huwa minnu li d-Direttiva habitats ma tiddefinixxix il-kunċett ta' proġett. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-definizzjoni ta' proġett fl-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva SEA hija rilevanti għad-determinazzjoni tal-kunċett ta' pjan jew proġett fis-sens tad-Direttiva habitats li, l-istess bħad-Direttiva SEA, għandha l-għan li timpedixxi attivitajiet li x'aktarx jagħmlu ħsara lill-ambjent milli jiġu awtorizzati qabel ma ssir evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent [55].

55 Sentenza tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:482, punt 26). Ara wkoll is-sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, Stadt Papenburg (C-226/08, EU:C:2010:10, punti 38 sa 40).

115. Din il-konstatazzjoni nifhimha b'tali mod li proġetti fi ħdan it-tifsira ta' din id-definizzjoni fi kwalunkwe każ huma wkoll proġetti skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats. Madankollu, nassumi li l-kunċett ta' proġett tad-Direttiva habitats ma huwiex iddelimitat b'mod eżawrjenti [56].

116. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li huwa inammissibbli li jiġu esklużi mill-obbligu ta' evalwazzjoni ċerti kategoriji ta' proġetti fuq il-bażi ta' kriterji li ma jiżgurawx b'mod adegwat li dawn il-proġetti ma jistgħux jaffettwaw is-siti protetti b'mod sinjifikattiv [57]. Fl-eżami sussegwenti tal-eċċezzjonijiet diversi, ma vverifikatx fid-dettall jekk jirreferux għal proġetti fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva SEA. Il-possibbiltà ta' deterjorazzjoni sinjifikattiva tas-siti protetti pjuttost kienet biżżejjed għar-rifjut tal-eċċezzjonijiet għall-attivitajiet inkwistjoni [58].

117. Kuntrarjament għall-fehma tar-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat), id-definizzjoni ta' proġett fl-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva SEA ma tiddelimitax b'mod eżawrjenti l-kunċett ta' proġett skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats. Pjuttost, il-fattur deċiżiv huwa jekk l-attività inkwistjoni tistax taffettwa b'mod sinjifikattiv sit protett. Dan ma jistax jiġi eskluż għall-fertilizzazzjoni u r-ragħa, peress li d-depożiti ta' nitroġenu li jirriżultaw jistgħu jaffettwaw ħafna tipi ta' habitats protetti.

118. Madankollu, f'dan il-każ ma hemmx għalfejn wieħed imur lil hinn mid-definizzjoni ta' proġett tad-Direttiva SEA. Fil-fatt l-Artikolu 1(2)(a) tagħha jiddefinixxi proġett bħala "l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' stallazzjonijiet jew skemi oħra" (l-ewwel inċiż) kif ukoll "interventi oħra fil-madwar u fil-pajsaġġ naturali inklużi dawk li jinvolvu l-estrazzjoni ta' riżorsi naturali" (it-tieni inċiż). Kif ġie stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' proġett jirreferi għal xogħlijiet jew interventi li jinvolvu modifiki fl-aspett fiżiku tas-sit [59]. Kemm il-fertilizzazzjoni kif ukoll ir-ragħa jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti.

*b) Fuq il-fertilizzazzjoni*

119. Ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) huwa tal-fehma li l-applikazzjoni ta' fertilizzant ma tikkostitwixxix proġett jekk dan jiġi ddepożitat fuq il-ħamrija. Huwa biss jekk il-fertilizzant jiddaħħal fil-ħamrija li jsir intervent fiżiku fil-ħamrija, kif speċifikat fit-tieni inċiż tal-Artikolu 1(2)(a).

120. Madankollu, il-Kummissjoni tirribatti korrettament li l-fertilizzazzjoni tibdel il-proprjetajiet tal-ħamrija irrispettivament mill-proċedura applikata. Huwa fin-natura tagħha li tarrikkixxi l-ħamrija bin-nutrijenti. Jekk dan iseħħx billi l-bidwi jaħdem il-ħamrija bl-apparat jew billi l-fertilizzant jippenetra fil-ħamrija permezz ta' skular – pereżempju fil-każ ta' demel likwidu – ma jistax jiġġustifika trattament differenti. Fl-aħħar mill-aħħar, il-fertilizzazzjoni kważi tirrappreżenta l-oppost tal-estrazzjoni ta' riżorsi naturali, jiġifieri l-arrikkiment tal-ħamrija.

121. Bħala konklużjoni, dan it-tibdil fil-ħamrija permezz tal-fertilizzazzjoni pjuttost huwa paragunabbli mas-sajd għall-frott tal-baħar, jiġifieri t-tgħarbil tas-saff ta' fuq nett ta' qiegħ il-baħar, li diġà ġie rrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala proġett fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva SEA u l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats [60].

56 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:60, punt 31).

57 Sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-98/03, EU:C:2006:3, punt 41). Ara wkoll is-sentenza tas-26 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-538/09, EU:C:2011:349, punt 41).

58 Sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-98/03, EU:C:2006:3, punti 42 sa 44).

59 Sentenzi tas-17 ta' Marzu 2011, Brussels Hoofdstedelijk Gewest *et* (C-275/09, EU:C:2011:154, punti 20, 24 u 38), kif ukoll tad-19 ta' April 2012, Pro-Braine *et* (C-121/11, EU:C:2012:225, punt 32).

60 Sentenza tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:482, punti 24 sa 27).

122. Konsegwentement, il-fertilizzazzjoni hija proġett li jista' jirrikjedi evalwazzjoni *ex ante* skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats.

*c) Fuq ir-ragħa*

123. Ir-ragħa tal-bhejjem bħala tali huwa iktar diffiċli li jiddaħħal taħt id-definizzjoni ta' proġett tat-tieni inċiż tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva SEA. Jekk wieħed jikklassifika l-attività taż-żamma ta' bhejjem fuq art partikolari bħala intervent ieħor fil-madwar u fil-pajsaġġ naturali u għalhekk ipoġġiha fuq l-istess livell mal-eżempju msemmi espressament tal-estrazzjoni ta' riżorsi naturali, il-kultivazzjoni ta' għelejjel ikollha tiġi attribwita l-istess kwalità. Infatti, kemm ir-ragħa kif ukoll il-kultivazzjoni jwasslu sabiex in-nutrijenti li jinsabu fil-ħamrija jiġu sfruttati b'mod ekonomiku. Iżda dawn ukoll jistgħu jitqiesu bħala estrazzjoni ta' riżorsi naturali.

124. Madankollu, dan il-pass ma huwiex neċessarju, għaliex l-istabbiliment ta' mergħa jikkorrispondi mal-"eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' stallazzjonijiet jew skemi oħra" fi ħdan it-tifsira tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva SEA. Normalment, mergħa tingħalaq b'ċint sabiex jiġi evitat li l-bhejjem iħalluha. Il-bini ta' dan iċ-ċint jikkostitwixxi proġett[61]. U, fl-evalwazzjoni tal-bini taċ-ċint, irid jiġi kkunsidrat l-iskop tiegħu, fi kliem ieħor ir-ragħa.

125. Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja la tikkunsidra r-ragħa u lanqas l-istabbiliment ta' mergħa bħala proġett fis-sens tad-Direttiva SEA, allura r-ragħa għandu għall-inqas jitqies bħala attività li tista' taffettwa b'mod sinjifikattiv sit protett fi ħdan it-tifsira iktar wiesgħa tal-kunċett ta' proġett tad-Direttiva habitats. Dan mhux biss jista' jikkawża depożiti ta' nitroġenu iżda mill-inqas jinfluwenza wkoll il-veġetazzjoni. Jekk dawn l-effetti jistgħux jaffettwaw sit protett b'mod sinjifikattiv, pereżempju fil-forma ta' ragħa eċċessiv, jiddependi kemm mill-iskala u mill-post tar-ragħa kif ukoll mill-għanijiet ta' konservazzjoni speċifiċi tas-sit.

126. Għaldaqstant jista' jkun neċessarju, konformement mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats, li jiġi vverifikat jekk ir-ragħa tal-bhejjem huwiex kompatibbli mal-għanijiet ta' konservazzjoni tas-siti protetti milquta.

*d) Konklużjoni intermedja*

127. Ir-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawża C-293/17 għalhekk għandha tkun li l-fertilizzazzjoni ta' ċerti artijiet jew l-użu tagħhom għar-ragħa għandhom jitqiesu bħala proġett fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats.

*2. Fuq l-integrazzjoni fi proġett globali*

128. Bit-tieni domanda fil-Kawża C-293/17 għandu jiġi ċċarat kif għandha tiġi evalwata l-fertilizzazzjoni perijodika fil-każ li din tkun bdiet b'mod legali qabel ma l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats sar applikabbli għal sit protett u jekk din tkun għadha qiegħda tiġi pprattikata sa issa. Ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jixtieq isir jaf b'mod partikolari jekk il-fertilizzazzjoni tistax tkun parti minn proġett trażversali uniku, jiġifieri ta' azjenda agrikola, u jekk din tistax tkun koperta, għal din ir-raġuni, mill-awtorizzazzjoni tal-azjenda.

61 Ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2016, Lesoochranárske zoskupenie VLK (C-243/15, EU:C:2016:838, punt 47).

*a) Fuq il-kunċett ta' proġett uniku*

129. L-istess kif ma tiddefinixxix il-kunċett ta' proġett, id-Direttiva habitats, lanqas ma tirregola x'miżuri jistgħu jiġu kkombinati fi proġett uniku. Madankollu, din il-kwistjoni ma għandhiex sinjifikat prattiku għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats għal ċerti proġetti. Infatti, irrispettivament mill-miżuri individwali li jkunu ġew ikkombinati fi proġett wieħed, l-effetti speċifiċi kollha ta' din il-ġabra ta' miżuri jridu jiġu eżaminati fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni tas-siti protetti inkwistjoni.

130. L-isfond tal-kwistjoni pjuttost huwa rrappreżentat mill-applikabbiltà temporali tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats. Jekk proġett ikun ġie awtorizzat qabel ma saret applikabbli din id-dispożizzjoni, it-tkomplija tal-eżekuzzjoni tiegħu ma tistax tiġi evalwata fid-dawl tagħha, iżda hija suġġetta għall-Artikolu 6(2)[62] li jitlob evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mal-għanijiet ta' konservazzjoni ta' siti protetti f'ċerti ċirkustanzi biss[63]. Min-naħa l-oħra, jekk kwalunkwe fertilizzazzjoni ta' art agrikola jew anki l-fertilizzazzjoni li tkun twettqet biss matul sena kull darba tkun proġett individwali, allura din bħala prinċipju trid kull darba tkun suġġetta għal evalwazzjoni ġdida.

131. Fis-sentenza Stadt Papenburg il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-possibbiltà ta' operazzjoni unika f'sitwazzjoni simili. Dik il-kawża kienet tikkonċerna xogħlijiet ta' tħammil perijodiċi ta' passaġġ navigabbli li kienu neċessarji sabiex iżommu l-kanal navigabbli f'ċertu fond. Fid-dawl tan-natura tagħhom jew tal-kundizzjonijiet li taħthom jitwettqu, u b'mod partikolari minħabba l-għan komuni tagħhom, dawn ix-xogħlijiet jistgħu jitqiesu bħala operazzjoni unika jew bħala proġett wieħed[64]. Indikazzjoni oħra għall-klassifikazzjoni bħala proġett uniku, li madankollu ma ġietx irrimarkata mill-Qorti tal-Ġustizzja, hija ċ-ċirkustanza li x-xogħlijiet regolari ġew approvati f'awtorizzazzjoni unika qabel ma sar applikabbli l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats[65].

132. Il-fertilizzazzjoni regolari ta' artijiet agrikoli wkoll għandha skop komuni uniku, jiġifieri l-kultivazzjoni ta' għelejjel minn azjenda agrikola. Barra minn hekk, għandu jiġi preżunt li l-fertilizzazzjoni mill-inqas kienet permessa minn meta l-azjenda rispettiva tat bidu għall-attività tagħha.

133. Għaldaqstant, tali azjenda għandha titqies bħala miżura unika u tinkludi l-fertilizzazzjoni tal-artijiet assoċjati magħha.

134. Dan l-eżitu huwa ssostanzjat ukoll bil-kunsiderazzjoni tal-fertilizzazzjoni mill-perspettiva tal-applikazzjoni temporali tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats. Fil-fatt, li kieku kellha ssir evalwazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats għal kull fertilizzazzjoni individwali ta' artijiet agrikoli jew għal kull sena ta' fertilizzazzjoni, l-ispiża probabbilment tkun sproporzjonata għall-gwadann possibbli tal-protezzjoni ta' siti. Normalment għandu jkun biżżejjed li l-kompatibbiltà tal-fertilizzazzjoni perijodika b'mod simili ta' ċerta art tiġi evalwata darba b'mod xieraq fir-rigward tal-għanijiet ta' konservazzjoni tas-sit inkwistjoni.

62 Sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, Stadt Papenburg (C-226/08, EU:C:2010:10, punt 49).

63 Ara s-sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Grüne Liga Sachsen *et* (Waldschlößchenbrücke) (C-399/14, EU:C:2016:10, punt 44).

64 Sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, Stadt Papenburg (C-226/08, EU:C:2010:10, punt 47).

65 Sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, Stadt Papenburg (C-226/08, EU:C:2010:10, punt 11).

*b) Fuq il-bidliet tal-prassi ta' fertilizzazzjoni*

135. Madankollu, jistgħu jinħolqu diffikultajiet f'każ li tinbidel il-fertilizzazzjoni. Għaldaqstant, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jistaqsi jekk għandhiex tibqa' titqies miżura unika jekk il-fertilizzazzjoni ma tkunx saret dejjem fuq l-istess biċċiet ta' art, fl-istess kwantitajiet u bl-istess tekniki. Barra minn hekk jistaqsi jekk huwiex ta' rilevanza għal din il-kwistjoni li d-depożiti ta' nitroġenu kkawżati bl-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq l-art ma żdidux wara li l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats sar applikabbli.

136. Peress li huwa kkonċernat il-kunċett ta' proġett fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats, dawn id-domandi għandhom jitwieġbu fuq il-bażi tal-għan ta' din id-dispożizzjoni. Din tintegra l-prinċipju ta' prekawzjoni u tippermetti li jiġi evitat b'mod effettiv li jiġi kkawżat preġudizzju għall-integrità ta' siti protetti minħabba l-pjanijiet jew il-proġetti [66]. Għaldaqstant, il-punt determinanti jrid ikun jekk il-bidliet fil-prassi ta' fertilizzazzjoni jimplikawx riskju *addizzjonali* ta' deterjorazzjoni sinjifikattiva ta' siti protetti.

137. Jekk ir-riskju ta' deterjorazzjoni dovut għall-fertilizzazzjoni għadu jinsab fil-limiti eżistenti preċedentement, allura għandu jiġi preżunt li l-proġett, jiġifieri l-azjenda agrikola, ma nbidilx. Min-naħa l-oħra, jekk ir-riskju ta' deterjorazzjoni jiżdied, pereżempju jekk ikun jeżisti r-riskju ta' depożiti ta' nitroġenu addizzjonali f'habitats protetti minħabba fertilizzazzjoni iktar qawwija, fertilizzanti differenti, metodi ta' fertilizzazzjoni differenti jew minħabba tibdil fis-sit ta' fertilizzazzjoni, il-fertilizzazzjoni ma tistax tiġi rrikonoxxuta bħala parti mill-proġett awtorizzat inizjalment.

138. Għaldaqstant, jekk id-depożiti ta' nitroġenu jkunux żdiedu minħabba l-applikazzjoni ta' fertilizzanti huwa ta' rilevanza biss jekk ikun ġie stabbilit li fil-habitats protetti inkwistjoni ma jkunux żdiedu d-depożiti ta' nitroġenu. Min-naħa l-oħra, l-iżvilupp ġenerali ta' assenza ta' żieda totali fid-depożiti ta' nitroġenu minħabba l-fertilizzazzjoni, ma jeskludix il-possibbiltà ta' tagħbija ogħla fuq ċerti habitats protetti.

139. B'mod supplimentari nixtieq ninnota li għar-ragħa japplikaw kunsiderazzjonijiet simili għal dawk applikabbli għall-fertilizzazzjoni ta' artijiet agrikoli.

*c) Konklużjoni intermedja*

140. Għaldaqstant, ir-risposta għat-tieni domanda fil-Kawża C-293/17 għandha tkun li l-fertilizzazzjoni perijodika li kienet issir b'mod legali qabel ma l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats sar applikabbli għal sit protett u li għadha qiegħda ssir fil-preżent tista' tifforma proġett uniku ma' azjenda agrikola. Min-naħa l-oħra, bidliet fil-prassi ta' fertilizzazzjoni għandhom jitqiesu bħala proġett ġdid jekk joħolqu riskju addizzjonali ta' deterjorazzjoni sinjifikattiva ta' siti protetti.

*3. Fuq l-eżenzjoni mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni*

141. It-tielet domanda u l-punt (a) tat-tielet domanda fil-Kawża C-293/17 jistaqsu jekk l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats jippermettix li r-ragħa u l-fertilizzazzjoni jiġu eżentati bil-liġi min-neċessità ta' awtorizzazzjoni individwali. Tali eżenzjoni timplika neċessarjament li dawn l-attivitajiet lanqas ma jiġu evalwati individwalment fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħhom mal-għanijiet ta' konservazzjoni ta' siti protetti.

66 Sentenzi tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:482, punt 58), u tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Foresta ta' Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punt 118).

142. Il-Pajjiżi l-Baxxi jibbażaw din l-eżenzjoni fuq evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet astratta tal-effetti tal-fertilizzazzjoni u tar-ragħa. Bir-raba' domanda u bil-punt (a) tat-tielet domanda fil-Kawża C-293/17, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jixtieq isir jaf jekk din l-evalwazzjoni hijiex kompatibbli mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats. Skont it-talba għal deċiżjoni preliminari, l-evalwazzjoni kienet ibbażata fuq il-portata u fuq l-intensità, effettivi u antiċipati, ta' dawn l-attivitajiet u l-konklużjoni tagħha kienet li bħala medja ma humiex ser jikkawżaw żieda fid-depożiti ta' nitroġenu. Barra minn hekk, intqal li l-eżenzjoni kellha tiġi ggarantita permezz ta' monitoraġġ tal-iżvilupp tad-depożiti, li, skont il-bżonn, iwassal għal aġġustament tad-depożiti awtorizzati.

143. Għalkemm *prima facie* hija simili għall-applikazzjoni tal-PAS għal attivitajiet oħra li, bħala prinċipju, mhux biss hija ammissibbli iżda saħansitra għandha tintlaqa'[67], teżisti differenza importanti: fil-każ ta' attivitajiet oħra xorta waħda għadhom jiġu identifikati l-effetti individwali fuq siti protetti. Min-naħa l-oħra, fil-każ tal-fertilizzazzjoni u tar-ragħa huwa preżunt *a priori* li hija eskluża deterjorazzjoni sinjifikattiva.

144. Peress li r-ragħa u l-fertilizzazzjoni għandhom jitqiesu bħala proġetti, l-eżenzjoni mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni, li teskludi evalwazzjoni individwali, tkun inkompatibbli mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats jekk dawn l-attivitajiet ikunu jeħtieġu evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet. Tali evalwazzjoni tista' tiġi rrinunzjata biss jekk ikun jista' jiġi eskluż, fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, li r-ragħa jew il-fertilizzazzjoni, individwalment jew flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra, jistgħu jaffettwaw siti protetti ħażin b'mod sinjifikattiv[68].

145. Il-portata u l-intensità, effettivi u antiċipati, ta' dawn l-attivitajiet huma elementi oġġettivi. Madankollu, skont l-informazzjoni tar-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat), dawn kienu jippermettu biss li jiġi kkonstatat li *bħala medja* tista' tiġi eskluża żieda fid-depożiti ta' nitroġenu.

146. Sempliċi valur medju, madankollu, ma jistax jiggarantixxi li l-ebda sit protett ma huwa ser jiġi affettwat b'mod sinjifikattiv mill-fertilizzazzjoni jew mir-ragħa minħabba kundizzjonijiet speċjali, b'mod partikolari l-interazzjoni ma' sorsi oħra ta' nitroġenu. Għaldaqstant, din l-evalwazzjoni globali waħedha ma hijiex biżżejjed biex teżenta l-fertilizzazzjoni u r-ragħa mill-evalwazzjoni individwali tal-implikazzjonijiet.

147. Barra minn hekk, fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza t-twettiq tal-proġett ma għandu jibqa' l-ebda dubju raġonevoli mill-aspett xjentifiku fir-rigward tal-assenza ta' effetti li jikkawżaw ħsara lill-integrità tas-sit inkwistjoni[69]. Din iċ-ċertezza wkoll ma tkunx teżisti jekk l-eżenzjoni mill-obbligu ta' evalwazzjoni tkun ibbażata biss fuq il-fatt li bħala medja ma hijiex mistennija żieda fid-depożiti ta' nitroġenu.

148. U, fl-aħħar mill-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja sa issa għadha ma kkonvinċietx ruħha li dubji possibbli fir-rigward tal-assenza ta' ħsara tal-miżuri ser jibqgħu irrilevanti bis-saħħa ta' monitoraġġ[70].

149. Huwa minnu li, minħabba l-allegat kontribut baxx tal-fertilizzazzjoni u tar-ragħa fuq ċerti artijiet għad-deterjorazzjoni ta' siti protetti, tista' tiġi kkunsidrata strateġija ftit iktar ġeneruża. Madankollu, partikolarment il-preżunzjoni tan-natura insinjifikattiva tqajjem dubji dwar kemm il-monitoraġġ tal-effetti ta' dawn l-attivitajiet u l-miżuri ta' korrezzjoni li possibbilment jaf ikunu neċessarji jkunu ser jiġu implimentati bil-konsistenza u s-severità neċessarja.

67 Ara iktar 'il fuq, il-punti 37 *et seq.*

68 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 14 kif ukoll is-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-98/03, EU:C:2006:3, punt 40).

69 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 44.

70 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 46.

150. Fil-prattika, dan ifisser li l-fertilizzazzjoni jew ir-ragħa fuq artijiet ġodda jew bidliet f'dawn l-attivitajiet li jistgħu jwasslu għal depożiti ta' nitroġenu addizzjonali f'habitats protetti, l-ewwel iridu jiġu evalwati skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva habitats qabel ma l-awtoritajiet ikunu jistgħu jawtorizzawhom. Huwa minnu li d-depożitu ta' nitroġenu kkawżat mill-fertilizzazzjoni jew mir-ragħa ta' ċerti artijiet agrikoli probabbilment huwa estremament limitat. Madankollu, ma jidhirx li huwa eskluż li f'każijiet individwali jistgħu jiġu affettwati b'mod sinjifikattiv siti protetti. F'dan ir-rigward wieħed għandu jimmaġina b'mod partikolari użu ħafna iktar intensiv ta' artijiet li jinsabu immedjatament biswit habitats protetti, jekk dawn diġà kienu suġġetti għal tagħbija preċedenti sinjifikattiva. Min-naħa l-oħra, f'każijiet oħra x'aktarx li huwa relattivament faċli li tiġi eskluża deterjorazzjoni sinjifikattiva.

151. Ir-risposta għat-tielet domanda sal-punt (a) tar-raba' domanda fil-Kawża C-293/17 għalhekk għandha tkun li r-ragħa u l-fertilizzazzjoni ma jistgħux jiġu eżentati bil-liġi min-neċessità ta' evalwazzjoni individwali tal-kompatibbiltà tagħhom mal-għanijiet ta' konservazzjoni ta' siti protetti bir-raġunament li bħala medja tista' tiġi eskluża żieda fid-depożiti ta' nitroġenu kkawżata minn dawn l-attivitajiet. Lanqas il-monitoraġġ tad-depożiti ta' nitroġenu u l-possibbiltà li jittieħdu miżuri addizzjonali sabiex jiġu miġġielda depożiti eċċessivi ma jistgħu jiġġustifikaw ir-rinunzja ta' evalwazzjoni individwali.

*4. Fuq l-implimentazzjoni tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva habitats*

152. It-tmien domanda fil-Kawża C-293/17 għandha tiċċara jekk tikkostitwixxix implimentazzjoni suffiċjenti tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva habitats li r-ragħa u l-fertilizzazzjoni ma jiġux suġġetti għal obbligu ta' awtorizzazzjoni u li tiġi applikata biss is-setgħa li jiġu imposti obbligi fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2.4 tal-Wet natuurbescherming tal-Pajjiżi l-Baxxi.

153. F'dan ir-rigward, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jenfasizza korrettament li, b'differenza għall-Artikolu 6(3), l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva habitats ma jitlob l-ebda evalwazzjoni *ex ante* sistematika tal-attivitajiet[71]. Għaldaqstant, ir-rinunzja ta' obbligu ta' awtorizzazzjoni l-iktar l-iktar tista' tikser l-Artikolu 6(3), iżda mhux l-Artikolu 6(2). Madankollu, f'dak li jirrigwarda l-obbligu ta' awtorizzazzjoni għar-ragħa u l-fertilizzazzjoni għandu jsir riferiment għar-risposta tat-tielet domanda sal-punt (a) tar-raba' domanda fil-Kawża C-293/17[72].

154. Min-naħa l-oħra, jekk l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva habitats jirrikjedi miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tar-ragħa jew il-fertilizzazzjoni indipendentement mill-kwistjoni tal-awtorizzazzjoni, it-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludix indikazzjonijiet li l-Artikolu 2.4 tal-WnB ma huwiex suffiċjenti f'dan ir-rigward.

155. Skont l-informazzjoni tar-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat), din id-dispożizzjoni tippermetti l-impożizzjoni tal-obbligi neċessarji fuq il-bdiewa. B'mod partikolari, il-fertilizzazzjoni u r-ragħa ma humiex esklużi mill-applikazzjoni tal-Artikolu 2.4 tal-WnB[73].

156. Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja, f'kawża li kienet tirrigwarda l-implimentazzjoni tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva habitats, oġġezzjonat li l-kompetenzi stabbiliti fih ma humiex ta' natura preventiva iżda sempliċiment ta' natura reattiva u li, barra minn hekk, jinkludu ostakoli sinjifikattivi għal miżuri urġenti[74]. Madankollu, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) għandu raġun itenni li l-effetti tar-ragħa u tal-fertilizzazzjoni normalment huma prevedibbli u ilhom iseħħu għal żmien twil.

71 Ara s-sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Grüne Liga Sachsen *et* (C-399/14, EU:C:2016:10, punti 40 *et seq.*).

72 Ara iktar 'il fuq, il-punti 141 *et seq.*

73 Ara s-sentenza tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Franza (C-241/08, EU:C:2010:114, punti 31 u 32).

74 Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-418/04, EU:C:2007:780, punti 207 u 208).

Barra minn hekk, skont it-talba għal deċiżjoni preliminari, b'differenza għad-dritt eżaminat dak iż-żmien, l-Artikolu 2.4 tal-WnB jippermetti miżuri urġenti. Għaldaqstant l-awtoritajiet kompetenti għandhom is-setgħa li jordnaw, fi żmien xieraq, obbligi addizzjonali jekk ikunu jeżistu riskji għal siti protetti.

157. Għaldaqstant, ir-risposta għat-tmien domanda fil-Kawża C-293/17 għandha tkun li setgħa bħal dik li jiġu imposti obbligi fis-sens tal-Artikolu 2.4 tal-WnB, li l-awtorità kompetenti trid tapplika jekk, fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni, dan ikun meħtieġ għal sit Natura 2000, hija strument preventiv suffiċjenti ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva habitats f'dak li jikkonċerna r-ragħa ta' bhejjem u l-applikazzjoni ta' fertilizzanti.

## *E. Analiżi konklużiva*

158. Skont il-kunsiderazzjonijiet preċedenti jidher li, għalkemm il-PAS tal-Pajjiżi l-Baxxi jinkludi spunti promettenti, kollox ma' kollox jeżistu dubji sinjifikattivi dwar kemm jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 6(2) u (3) tad-Direttiva habitats.

159. Madankollu, dan ma jfissirx li d-direttiva tipprekludi l-PAS b'mod irrekonċiljabbli. L-Artikolu 6(4) tad-Direttiva habitats pjuttost huwa l-istrument li jwassal għal riżultati adegwati f'tali sitwazzjoni. Il-PAS ġie deskritt bħala bilanċ bejn l-interessi tal-protezzjoni tan-natura u tas-soċjetà [75] u r-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) ukoll jirreferi għal dan meta jinvoka l-Artikolu 2(3) tal-imsemmija direttiva sabiex jirribatti l-allegazzjoni tal-assenza ta' "ambizzjoni" tal-PAS [76]. Tali bilanċ huwa l-funzjoni tal-Artikolu 6(4), iżda ma huwiex parti mill-Artikolu 6(2) u (3) [77].

160. Jekk wieħed iżomm l-istampa sħiħa quddiem għajnejh, jidher manifest li Stat Membru bħall-Pajjiżi l-Baxxi ma jistax jiġi suġġett għal obbligu inkundizzjonat li jillimita l-agrikoltura tiegħu ħesrem b'mod massiv u li jintervjeni b'mod kunsiderevoli anki fil-bqija tal-iżvilupp ekonomiku sabiex inaqqas għal livell sodisfaċenti t-tagħbija tan-nitroġenu fuq siti Natura 2000. Min-naħa l-oħra jridu jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod xieraq ir-raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku superjuri.

161. Minn naħa dawn ir-raġunijiet huma l-interess tas-soċjetà kollha fi żvilupp ekonomiku u, min-naħa l-oħra, b'mod partikolari f'każ li jkomplu jiġu aċċettati attivitajiet diġà awtorizzati, l-għan tal-istat tad-dritt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali tal-impriżi kkonċernati. U, minkejja li normalment x'aktarx huwa diffiċli li l-interessi ta' azjendi agrikoli individwali jiġu rrikonoxxuti bħala raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku superjuri, approċċ globali bħall-PAS jippermetti li dawn l-interessi individwali jiġu attribwiti lill-interess pubbliku fi żvilupp agrikolu u fir-rispett ta' drittijiet miksuba.

162. Minn kunsiderazzjoni globali jirriżulta wkoll li ma teżisti l-ebda alternattiva għajr li jiġu permessi ċerti attivitajiet addizzjonali u li attivitajiet eżistenti oħra jibqgħu jiġu aċċettati. Madankollu, strument bħall-PAS huwa adattat b'mod eċċellenti sabiex jindika x'alternattivi jeżistu tassew. Minn naħa, għandu jimponi metodi ta' produzzjoni li jimminimizzaw id-depożiti ta' nitroġenu mingħajr ma jikkawżaw danni sproporzjonati oħra (*best practices*). Min-naħa l-oħra, għandu jipprevjeni l-attivitajiet li jikkawżaw danni li huma sproporzjonati għall-vantaġġi tagħhom.

163. Il-miżuri neċessarji sabiex tiġi żgurata l-koerenza ta' Natura 2000 *prima facie* jidher li huma l-ostakolu l-iktar diffiċli għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva habitats. Jekk strument ta' koordinazzjoni komprensiv, minħabba interessi prevalenti f'siti protetti, jippermetti depożiti ta' nitroġenu eċċessivi fit-territorju nazzjonali kollu, x'aktarx li jkun diffiċli jekk mhux saħansitra eskluż li, għall-finijiet ta' kumpens, it-tipi ta' habitat affettwati jiġu żviluppati f'siti oħra.

75 De Heer *et*, p. 107 (ċitazzjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27).

76 Punt 8.2 tat-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-294/17.

77 Il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:60, punt 106).

164. Madankollu, b'mod partikolari l-miżuri previsti mill-PAS fis-siti protetti huma intiżi sabiex jiżguraw il-koerenza ta' Natura 2000. Jekk dawn ikunu effettivi, itejbu l-kundizzjonijiet ta' żvilupp tal-habitats rispettivi minkejja depożiti ta' nitroġenu eċċessivi.

165. Barra minn hekk, il-PAS jimmira fuq terminu twil li jnaqqas id-depożiti ta' nitroġenu għal livell aċċettabbli u li joħloq stat ta' konservazzjoni tajjeb tal-habitats inkwistjoni. F'din il-perspettiva fit-tul, il-PAS huwa wkoll miżura sabiex tiġi żgurata l-koerenza ta' Natura 2000.

166. U, fl-aħħar mill-aħħar, il-PAS jappoġġja din il-miżura permezz ta' monitoraġġ kontinwu u jipprevedi aġġustamenti jekk jirriżulta li l-miżuri previsti ma humiex biżżejjed.

167. Ma sarux domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk, fit-totalità tiegħu, il-PAS joħloqx bilanċ korrett bejn il-protezzjoni ta' Natura 2000 u interessi oħra tas-soċjetà u kif dan għandu jiġi suġġett għal stħarriġ ġudizzjarju. Għaldaqstant ma humiex parti mill-ambitu tal-kawża preżenti.

168. Mill-inqas ostakolu wieħed jista' madankollu jfixkel l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva habitats. Fejn id-depożiti ta' nitroġenu jirrigwardaw tipi ta' habitats prijoritarji, pereżempju bog attivi merfugħa 'l fuq (Kodiċi Natura 2000 7110), il-Pajjiżi l-Baxxi x'aktarx li kellhom jikkonsultaw lill-Kummissjoni skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4). Jidher eskluż, infatti, li l-awtorizzazzjoni ta' depożiti ta' nitroġenu addizzjonali mill-PAS tiġi esklużivament ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet b'rabta mas-saħħa tal-bniedem u mas-sigurtà pubblika jew b'rabta ma' effetti favorevoli sinjifikattivi għall-ambjent. Madankollu, il-Kummissjoni ma ppubblikat l-ebda opinjoni korrispondenti [78]. Dan ma jeskludix, madankollu, li tali opinjoni tinkiseb sussegwentement u li l-PAS jitqiegħed fuq fundament iktar sigur.

## V. Konklużjoni

169. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) Ir-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawża C-294/17 għandha tkun li leġiżlazzjoni li teżenta mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni dawk il-proġetti u l-inizjattivi l-oħra li jikkawżaw depożiti ta' nitroġenu li ma jeċċedux limitu jew valur limitu u li għalhekk huma permessi mingħajr awtorizzazzjoni individwali, sakemm, fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, xjentifikament ma jkun jeżisti l-ebda dubju raġonevoli li fis-sit protett inkwistjoni ma huwiex ser ikun hemm deterjorazzjoni sinjifikattiva minħabba dawn id-depożiti ta' nitroġenu, hija kompatibbli mal-Artikolu 6(2) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-*habitat* naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.

2) Ir-risposta għat-tieni domanda fil-Kawża C-294/17 għandha tkun li l-Artikolu 6(2) u (3) tad-Direttiva 92/43 jippermetti li evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet ta' programm li fih tiġi evalwata ċerta kwantità totali ta' depożiti ta' nitroġenu tintuża bħala bażi għall-għoti ta' awtorizzazzjoni individwali għal proġett jew inizjattiva oħra li jikkawżaw depożiti ta' nitroġenu f'siti protetti konformi mal-marġni tad-depożitu evalwat fil-kuntest tal-programm. Madankollu, l-imsemmija evalwazzjoni trid tinkludi konstatazzjonijiet u konklużjonijiet kompleti, preċiżi u definittivi, li kapaċi jeliminaw kull dubju xjentifiku raġonevoli dwar l-effetti tad-depożiti. Dan jippreżupponi li jiġi żgurat, għal kull proġett individwali u għal kull superfiċji fi ħdan siti protetti li fihom jinsabu habitats protetti, li fuq terminu twil id-depożiti ta' nitroġenu awtorizzati b'mod totali ma jipperikolawx il-konservazzjoni tat-tipi ta' habitats u l-ispeċi protetti fis-sit u l-potenzjal ta' ripristinar ta' stat ta' konservazzjoni tajjeb.

78 http://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/management/opinion_en.htm.

3) Ir-risposta għall-ħames domanda sal-punt (a) tas-seba' domanda fil-Kawża C-293/17 kif ukoll għat-tielet domanda sal-punt (a) tal-ħames domanda fil-Kawża C-294/17 hija li

– miżuri għat-tnaqqis ta' depożiti ta' nitroġenu minn sorsi oħra,

– miżuri ta' ripristinar għat-tisħiħ ta' habitats sensittivi għan-nitroġenu fis-siti inkwistjoni u

– it-tnaqqis awtonomu tal-emissjonijiet tan-nitroġenu

jistgħu jiġġustifikaw il-kompatibbiltà ta' depożiti ta' nitroġenu addizzjonali f'siti protetti mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43 biss jekk fid-data tal-awtorizzazzjoni jkun diġà ġie stabbilit b'mod definittiv li t-tagħbija totali fuq is-sit b'depożiti ta' nitroġenu tkun ser tibqa' taħt il-limitu ta' deterjorazzjoni għall-integrità tas-sit. Madankollu, għall-awtorizzazzjoni ta' depożiti ta' nitroġenu addizzjonali ma huwiex biżżejjed li, għalkemm b'mod totali d-depożiti jonqsu, l-uċuħ inkwistjoni xorta waħda jkunu suġġetti għal tagħbija eċċessiva ta' nitroġenu. Sempliċi previżjonijiet dwar l-effetti futuri tal-imsemmija miżuri u t-tnaqqis mistenni tal-emissjonijiet tan-nitroġenu ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni ta' depożiti ta' nitroġenu addizzjonali.

4) Ir-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawża C-293/17 għandha tkun li l-fertilizzazzjoni ta' ċerti artijiet jew l-użu tagħhom għar-ragħa għandhom jitqiesu bħala proġett fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43.

5) Ir-risposta għat-tieni domanda fil-Kawża C-293/17 għandha tkun li l-fertilizzazzjoni perijodika li kienet issir b'mod legali qabel ma l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43 ikun sar applikabbli għal sit protett u li għadha qiegħda ssir fil-preżent tista' tifforma proġett uniku ma' azjenda agrikola. Min-naħa l-oħra, bidliet fil-prassi ta' fertilizzazzjoni għandhom jitqiesu bħala proġett ġdid jekk joħolqu riskju addizzjonali ta' deterjorazzjoni sinjifikattiva ta' siti protetti.

6) Ir-risposta għat-tielet domanda sal-punt (a) tar-raba' domanda fil-Kawża C-293/17 għandha tkun li r-ragħa u l-fertilizzazzjoni ma jistgħux jiġu eżentati bil-liġi min-neċessità ta' evalwazzjoni individwali tal-kompatibbiltà tagħhom mal-għanijiet ta' konservazzjoni ta' siti protetti bir-raġunament li bħala medja tista' tiġi eskluża żieda fid-depożiti ta' nitroġenu kkawżata minn dawn l-attivitajiet. Lanqas il-monitoraġġ tad-depożiti ta' nitroġenu u l-possibbiltà li jittieħdu miżuri ulterjuri sabiex jiġu miġġielda depożiti eċċessivi ma jistgħu jiġġustifikaw ir-rinunzja ta' evalwazzjoni individwali.

7) Ir-risposta għat-tmien domanda fil-Kawża C-293/17 għandha tkun li setgħa bħal dik li jiġu imposti obbligi fis-sens tal-Artikolu 2.4 tal-Wet natuurbescherming (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tan-Natura), li l-awtorità kompetenti trid tapplika jekk fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni dan ikun neċessarju għal sit Natura 2000, hija strument preventiv suffiċjenti ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43 f'dak li jikkonċerna r-ragħa ta' bhejjem u l-applikazzjoni ta' fertilizzanti.